Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0101(COD)

27.10.2025

EMENDI
12 - 261

Abbozz ta' rapport
Alessandro Ciriani
(PE778.073v01-00)

Emenda tar-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni

Proposta għal regolament
(COM(2025)0186 – C10-0069/2025 – 2025/0101(COD))

Emenda 12
Damien Carême, Ilaria Salis, Estrella Galán

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istabbiliment ta' lista tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri jimmina d-dritt għal valutazzjoni individwali tat-talbiet għall-ażil, jittrasferixxi l-oneru tal-provi b'mod inġust fuq l-applikanti, u jdgħajjef is-salvagwardji proċedurali. Id-dežinjazzjoni awtomatika ta' pajjiżi kandidati u l-inklużjoni ta' stati b'abbużi tad-drittijiet tal-bniedem dokumentati sew tirrifletti konvenjenza politika aktar milli ħtiġijiet oġġettivi ta' protezzjoni.

Emenda 13
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 14
Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Premessa -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) F'Diċembru 2023, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim politiku dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, li jimmarka pass ewlieni lejn qafas

komuni u komprensiv għall-ġestjoni ordnata tal-migrazzjoni fl-Unjoni. Dan isaħħaħ ukoll id-dimensjoni esterna tal-Unjoni billi jsaħħaħ il-kooperazzjoni ma' sħab internazzjonali u pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 15
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Skont ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], jistgħu japplikaw regoli speċifiċi meta applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini sikur. B'mod partikolari, l-eżami ta' applikazzjoni għandu jiġi aċċellerat u, jekk l-applikant ikun għadu ma ġiex awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istati Membri, Stat Membru jista' jeżamina l-merti ta' applikazzjoni fi proċedura fuq il-fruntiera.	(1) Skont ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], jistgħu japplikaw regoli speċifiċi meta applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini sikur. B'mod partikolari, l-eżami ta' applikazzjoni għandu jiġi aċċellerat u, jekk l-applikant ikun għadu ma ġiex awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istati Membri, Stat Membru jista' jeżamina l-merti ta' applikazzjoni fi proċedura fuq il-fruntiera. ***Ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil jipprevedi wkoll id-dežinjazzjoni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 61 ta' tali Regolament.***
[3] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L, 2024/1348, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).	[3] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L, 2024/1348, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).

Or. en

Emenda 16
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Skont ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], jistgħu japplikaw regoli speċifiċi meta applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini sikur. ***B'mod partikolari, l-eżami ta' applikazzjoni għandu jiġi aċċellerat u, jekk l-applikant ikun għadu ma ġiex awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istati Membri, Stat Membru jista' jeżamina l-merti ta' applikazzjoni fi proċedura fuq il-fruntiera.***	(1) Skont ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], jistgħu japplikaw regoli speċifiċi meta applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini sikur.
[3] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L, 2024/1348, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).	[3] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L, 2024/1348, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).

Or. en

Emenda 17
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Id-dežinjazzjoni ta' pajjiż bħala pajjiż ta' oriġini sikur trid tikkonforma ma' salvagwardji stretti. L-Artikolu 61(1) tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil jirrikjedi valutazzjoni, f'sistema demokratika, li ma tkun teżisti l-ebda persekuzzjoni jew dannu serju skont ir-

Regolament dwar Standards għall-Kwalifika, filwaqt li jitqies il-funzjonament tal-istituzzjonijiet u l-istat tad-dritt.

Or. en

Emenda 18
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Skont l-Artikolu 61(4) tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, tali valutazzjoni trid tikkunsidra l-leġiżlazzjoni u l-applikazzjoni tagħha fil-prattika, il-konformità mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, l-obbligu ta' non-refoulement, u d-disponibbiltà ta' rimedji effettivi, f'konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement fil-liġi tal-UE u dik internazzjonali.

Or. en

Emenda 19
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1(c) L-Artikolu 61(2) tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil jirrikonoxxi li gruppi speċifiċi, bħal nisa, persuni LGBTI, persuni b'diżabbiltà, minoranzi reliġjużi jew difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, jistgħu jiffaċċjaw riskji partikolari. Is-sitwazzjoni tagħhom trid

tiġi indirizzata fl-istadju tad-dežinjazzjoni kif ukoll fl-applikazzjoni, sabiex tikkonforma mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u t-trattati internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Meta kategoriji kbar ta' persuni jridu jiġu esklużi mid-dežinjazzjoni minħabba riskji sistemiċi, dan jenħtieġ li jiżvela nuqqasijiet ġenerali li jipprekludu d-dežinjazzjoni tal-pajjiż bħala sikur. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-minoranzi u l-istat tad-dritt jirrikjedi li pajjiżi b'persekuzzjoni mifruxa jew kostanti ma jiġux dežinjati.

Or. en

Emenda 20
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 1d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1d) L-istħarriġ ġudizzjarju effettiv tad-dežinjazzjonijiet ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri jirrikjedi li s-sorsi użati fil-valutazzjoni jkunu trasparenti u aċċessibbli, inkluż għall-applikanti, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet u d-dritt għal rimedju effettiv.

Or. en

Emenda 21
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur bħala għodda essenzjali biex	***imħassar***

jiġi appoġġat l-eżami rapidu tal-applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi billi pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu indirizzati xi whud mid-diverġenzi eżistenti bejn il-listi nazzjonali tal-Istati Membri ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. Filwaqt li l-Istati Membri jżommu d-dritt li japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-deżinjazzjoni nazzjonali ta' pajjiżi terzi għajr dawk iddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, tali deżinjazzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tiżgura li l-kunċett jiġi applikat mill-Istati Membri kollha b'mod uniformi fir-rigward ta' applikanti li l-pajjiżi ta' oriġini tagħhom huma ddeżinjati bħala sikuri.

Or. en

Emenda 22
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***Huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-kunċett*** ta' pajjiż ta' oriġini sikur ***bħala għodda essenzjali biex jiġi appoġġat l-eżami rapidu tal-applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi billi pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu indirizzati xi whud mid-diverġenzi eżistenti bejn il-listi nazzjonali tal-Istati Membri ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. Filwaqt li l-Istati Membri jżommu d-dritt li japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-deżinjazzjoni***	(2) ***Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea konsistentement sostniet li l-kunċett*** ta' **"**pajjiż ta' oriġini sikur**"** ***jikkostitwixxi skema ta' eżami speċjali li hija ta' natura eċċezzjonali u, bħala tali, trid tiġi interpretata u applikata b'mod strett[1a]***.

nazzjonali ta' pajjiżi terzi għajr dawk iddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, tali deżinjazzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tiżgura li l-kunċett jiġi applikat mill-Istati Membri kollha b'mod uniformi fir-rigward ta' applikanti li l-pajjiżi ta' oriġini tagħhom huma ddeżinjati bħala sikuri.

---

*[1a] **QĠUE, C-406/22 CV vs Ministerstvo vnitra České republiky, Odbor azylové a migrační politiky, 4 October 2024, punti 47 u 70-71; C-404/17 A, 25 ta' Lulju 2018, punt 25.***

Or. en

Emenda 23
Cecilia Strada, Murielle Laurent, Matjaž Nemec, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Francisco Assis, Marco Tarquinio

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***Huwa meħtieġ li tissaħħaħ*** l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur bħala għodda ***essenzjali*** biex jiġi appoġġat l-eżami rapidu tal-applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi billi pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri***. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu indirizzati xi whud mid-diverġenzi*** eżistenti bejn il-listi nazzjonali tal-Istati Membri ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. ***Filwaqt li*** l-Istati Membri ***jżommu d-dritt li japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-deżinjazzjoni*** nazzjonali ***ta'*** pajjiżi ***terzi*** għajr dawk iddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni**,** tali deżinjazzjoni	(2) L-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ***fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tissaħħaħ,*** bħala għodda biex jiġi appoġġat l-eżami rapidu tal-applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi billi pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri ***f'lista tal-Unjoni. Din il-lista tal-Unjoni jenħtieġ li tindirizza d-diverġenzi*** eżistenti bejn il-listi nazzjonali tal-Istati Membri ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. ***Sabiex jiġi żgurat li din il-lista tipprovdi armonizzazzjoni, tiffaċilita l-konverġenza fil-proċeduri tal-applikazzjoni u b'hekk tiskoraġġixxi wkoll movimenti sekondarji ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali, u tiżgura***

komuni fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tiżgura li l-kunċett jiġi applikat mill-Istati Membri kollha b'mod uniformi fir-rigward ta' applikanti li l-pajjiżi ta' oriġini tagħhom huma ddeżinjati bħala sikuri.

approċċ koerenti għal pajjiżi ta' oriġini sikuri madwar l-Istati Membri, l-Istati Membri ***jenħtieġ li ma jibqgħux ikunu jistgħu jżommu listi*** nazzjonali ***paralleli ta'*** pajjiżi ***ta' oriġini sikuri*** għajr dawk iddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. Tali deżinjazzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tiżgura li l-kunċett jiġi applikat mill-Istati Membri kollha b'mod uniformi fir-rigward ta' applikanti li l-pajjiżi ta' oriġini tagħhom huma ddeżinjati bħala sikuri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi pprovdut valur miżjud ċar għal lista tal-UE ta' SCOs, jiġi żgurat li l-approċċ tal-Istati Membri għall-SCOs ikun koerenti u armonizzat, u jiġu evitati prattiki diverġenti li jwasslu għal differenzi dejjem akbar fl-immaniġġjar tal-applikazzjonijiet għall-asil u l-movimenti sekondarji relatati, il-listi nazzjonali ma għandhomx jibqgħu jintużaw ladarba tkun inħolqot lista Ewropea.

Emenda 24
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur bħala għodda essenzjali biex jiġi appoġġat l-eżami rapidu tal-applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi billi pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri. ***Huwa meħtieġ ukoll li jiġu indirizzati xi whud mid-diverġenzi eżistenti bejn il-listi nazzjonali tal-Istati Membri ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. Filwaqt*** li l-Istati Membri jżommu d-dritt li japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-deżinjazzjoni nazzjonali ta' pajjiżi terzi għajr dawk	(2) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur bħala għodda essenzjali biex jiġi appoġġat l-eżami rapidu tal-applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi billi pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri. ***Peress*** li l-Istati Membri jżommu d-dritt li japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-deżinjazzjoni nazzjonali ta' pajjiżi terzi ***bħala sikuri*** għajr dawk iddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, tali deżinjazzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li ***ma taffettwax id-drittijiet tal-Istati*** Membri. ***Minflok, tista' tenfasizza l-importanza tal-uniformità fl-***

iddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, tali deżinjazzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li ***tiżgura li l-kunċett jiġi applikat mill-Istati*** Membri ***kollha b'mod uniformi fir-rigward ta' applikanti li l-pajjiżi ta' oriġini tagħhom huma ddeżinjati bħala sikuri***.

azzjonijiet tal-Istati Membri.

Or. fi

Emenda 25
Jadwiga Wiśniewska, Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Maciej Wąsik

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur bħala għodda essenzjali biex jiġi appoġġat l-eżami rapidu tal-applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi billi pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu indirizzati xi wħud mid-diverġenzi eżistenti bejn il-listi nazzjonali tal-Istati Membri ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. ***Filwaqt li*** l-Istati Membri ***jżommu d-dritt li japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-deżinjazzjoni*** nazzjonali ta' pajjiżi terzi ***għajr dawk iddeżinjati bħala*** pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni**,** tali deżinjazzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni ***jenħtieġ*** li tiżgura li l-kunċett jiġi applikat mill-Istati Membri kollha b'mod uniformi fir-rigward ta' applikanti li l-pajjiżi ta' oriġini tagħhom huma ddeżinjati bħala sikuri.	(2) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur bħala għodda essenzjali biex jiġi appoġġat l-eżami rapidu tal-applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi billi pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu indirizzati xi wħud mid-diverġenzi eżistenti bejn il-listi nazzjonali tal-Istati Membri ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri ***sabiex jiġu ssimplifikati proċeduri tal-ażil u tar-ritorn u b'hekk jiġu miġġielda kriżijiet tal-migrazzjoni, b'mod partikolari fil-każ ta' influss bil-massa ta' applikanti minn pajjiżi sikuri***. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. L-Istati Membri ***jistgħu jiddeċiedu b'mod indipendenti u fil-livell*** nazzjonali ***dwar ir-rikonoxximent ta'*** ta' pajjiżi terzi ***bħala sikuri, u jmorru lil hinn mil-lista ta'*** pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni**.** ***Tali*** deżinjazzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni ***għandha l-għan*** li tiżgura li l-kunċett jiġi applikat mill-Istati Membri kollha b'mod uniformi fir-rigward ta' applikanti li l-pajjiżi ta' oriġini tagħhom

huma ddeżinjati bħala sikuri.

Or. pl

Emenda 26
Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Fabrice Leggeri, Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Jaroslav Bžoch, Anna Maria Cisint, Pascale Piera, Petra Steger, Jorge Buxadé Villalba, Alexandre Varaut

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur bħala għodda essenzjali biex jiġi appoġġat l-eżami rapidu tal-applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi billi pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri. ***Huwa meħtieġ ukoll li jiġu indirizzati xi whud mid-diverġenzi eżistenti*** bejn il-listi nazzjonali tal-Istati Membri ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri**.** Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. Filwaqt li l-Istati Membri jżommu d-dritt li japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-dežinjazzjoni nazzjonali ta' pajjiżi terzi għajr dawk iddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, tali dežinjazzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tiżgura li l-kunċett jiġi applikat mill-Istati Membri kollha b'mod uniformi fir-rigward ta' applikanti li l-pajjiżi ta' oriġini tagħhom huma ddeżinjati bħala sikuri.	(2) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur bħala għodda essenzjali biex jiġi appoġġat l-eżami rapidu tal-applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi billi pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri. ***Id-diverġenzi*** bejn il-listi nazzjonali tal-Istati Membri ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri ***jippersistu,*** għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. Filwaqt li l-Istati Membri jżommu d-dritt li japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-dežinjazzjoni nazzjonali ta' pajjiżi terzi għajr dawk iddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, tali dežinjazzjoni komuni fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tiżgura li l-kunċett jiġi applikat mill-Istati Membri kollha b'mod uniformi fir-rigward ta' applikanti li l-pajjiżi ta' oriġini tagħhom huma ddeżinjati bħala sikuri.

Or. en

Emenda 27
Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Id-dežinjazzjoni ta' pajjiż ta' oriġini sikur hija strument essenzjali biex jiġu żgurati proċeduri rapidi u prevedibbli. Kif ikkonfermat mill-koleġiżlaturi fil-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil, l-użu ta' proċeduri aċċellerati bħal dawn ma jbiddilx jew inaqqas is-salvagwardji u l-garanziji mnaqqxa fid-dritt tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Billi jippermetti li jittieħdu deċiżjonijiet malajr dwar talbiet manifestament bla bażi, dan jippermetti li tingħata protezzjoni aktar malajr lil dawk li ġenwinament għandhom bżonnha.

Or. en

Emenda 28
Jadwiga Wiśniewska, Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Maciej Wąsik

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-lista proposta hija lista minima, mhux waħda esklużiva. Dan huwa ta' importanza fundamentali fl-applikazzjoni tagħha, peress li l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiskambjaw esperjenzi abbażi ta' punt ta' riferiment komuni, filwaqt li jżommu flessibbiltà sħiħa u diskrezzjoni fl-istabbiliment ta' listi nazzjonali ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri.

Or. pl

Emenda 29
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Ir-raġunament fir-rigward tal-emendar tar-Regolament (UE) 2024/1348, dwar l-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni ma jissodisfax ir-rekwiżiti proċedurali stabbiliti kemm mid-dritt primarju tal-Unjoni kif ukoll mill-Artikolu 61 tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil.

Or. en

Emenda 30
Jadwiga Wiśniewska, Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Maciej Wąsik

Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur bħala għodda essenzjali biex jiġi appoġġat l-eżami rapidu tal-applikazzjonijiet li x'aktarx ikunu bla bażi billi pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri. Jenħtieġ li jiġu eżaminati l-każijiet ta' applikanti minn pajjiżi sikuri skont il-proċedura ta' applikazzjoni inammissibbli, il-proċedura aċċellerata jew il-proċedura ta' ażil limitata proposta, filwaqt li jitqies li r-raġunijiet għal dan, kif stabbilit fl-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2024/1348, ġeneralment ikunu ssodisfati f'każijiet ta' applikanti minn pajjiżi sikuri.

Or. pl

Emenda 31
Damien Carême

Proposta għal regolament

Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea konsistentement sostniet li l-kunċett ta' "pajjiż ta' oriġini sikur" jikkostitwixxi skema ta' eżami speċjali li hija ta' natura eċċezzjonali u, bħala tali, trid tiġi interpretata u applikata b'mod strett.[1a]
	[1a] QĠUE, C-406/22 CV vs Ministerstvo vnitra České republiky, Odbor azylové a migrační politiky, 4 October 2024, punti 47 u 70-71; C-404/17 A, 25 ta' Lulju 2018, punt 25.

Or. en

Emenda 32
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 2c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2c) F'konformità mad-dritt li wieħed ifittexażil skont l-Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kull applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni trid tiġi vvalutata individwalment u fuq il-merti tagħha stess. L-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur iddgħajjef dan il-prinċipju billi tippermetti eżami aċċellerat tat-talbiet fuq il-preżunzjoni li x'aktarx ikunu bla bażi. Proċeduri bħal dawn iġorru r-riskju li l-vulnerabbiltajiet individwali, inklużi dawk ta' applikanti bi bżonnijiet speċifiċi jew minn komunitajiet emarġinati, jistgħu ma jiġux identifikati b'mod adegwat. Barra minn hekk, il-proċeduri aċċellerati jillimitaw is-salvagwardji proċedurali, inklużi perjodi

ta' żmien imnaqqsa u aċċess ristrett għal appoġġ legali u forom oħra ta' appoġġ.

Or. en

Emenda 33
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 2d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2d) Jekk Stat Membru jkun elenka pajjiż terz bħala "pajjiż ta' oriġini sikur", kwalunkwe organizzazzjoni jew individwu kkonċernat mill-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem jista' jressaq ilment lill-Kummissjoni jekk id-deżinjazzjoni ma tkunx konformi mal-liġi tal-UE u dik internazzjonali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina t-talba u tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura l-konformità tal-Istat Membru. Il-Kummissjoni jenħtieġ ukoll li teżamina tali kwistjoni fuq inizjattiva proprja. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinforma lill-Istat Membru rilevanti u titolbu l-osservazzjonijiet tiegħu. Fi żmien xahar mill-bidu tal-valutazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tal-kwalifika ta' dan il-pajjiż terz bħala "sikur" mad-dritt tal-UE. Jekk l-opinjoni tal-Kummissjoni tkun negattiva, l-Istat Membru jenħtieġ li jirtira l-miżura rilevanti.

Or. en

Emenda 34
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Alessandro Zan, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-fatt li pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali, ma jistax jikkostitwixxi garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż u għalhekk ma jneħħix il-ħtieġa li jitwettaq eżami individwali tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikant ma jkunx jista' jipprovdi elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalih, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali**,** u sakemm l-applikant ikollu n-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż jew ikun persuna apolida u qabel kien abitwalment residenti f'dak il-pajjiż. L-applikazzjoni tal-kunċett fil-kuntest tal-evalwazzjoni individwali hija mingħajr preġudizzju għall-fatt li ċerti kategoriji ta' applikanti jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċifika fil-pajjiżi terzi dežinjati u għalhekk jista' jkollhom biża' ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċjaw riskju reali li jsofru dannu serju.	(3) Il-fatt li pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali, ma jistax jikkostitwixxi garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż u għalhekk ma jneħħix il-ħtieġa li jitwettaq eżami individwali tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikant ma jkunx jista' jipprovdi elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalih, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali ***bil-garanziji stabbiliti fil-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2024/1348*** u sakemm l-applikant ikollu n-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż jew ikun persuna apolida u qabel kien abitwalment residenti f'dak il-pajjiż. L-applikazzjoni tal-kunċett fil-kuntest tal-evalwazzjoni individwali hija mingħajr preġudizzju għall-fatt li ċerti kategoriji ta' applikanti***, bħal persuni LGBTIQ, vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, minoranzi reliġjużi u etniċi, attivisti politiċi, persuni apolidi u ġurnalisti*** jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċifika fil-pajjiżi terzi dežinjati u għalhekk jista' jkollhom biża' ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċjaw riskju reali li jsofru dannu serju. ***Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri huma marbuta b'obbligi taħt strumenti tal-liġi internazzjonali li tagħhom jagħmlu parti, inkluż, b'mod partikolari, dawk li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni.***
	Or. en

Emenda 35
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-fatt li pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali, ma ***jistax jikkostitwixxi*** garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż u għalhekk ma jneħħix il-ħtieġa li jitwettaq eżami individwali tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. ***L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż*** ta' oriġini ***sikur biss meta l-applikant ma jkunx jista' jipprovdi elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalih, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali, u sakemm*** l-applikant ***ikollu n-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż jew ikun persuna apolida u qabel kien abitwalment residenti f'dak il-pajjiż. L-applikazzjoni tal-kunċett fil-kuntest tal-evalwazzjoni individwali hija mingħajr preġudizzju għall-fatt li ċerti*** kategoriji ta' applikanti ***jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċifika fil-pajjiżi terzi dežinjati u għalhekk jista'*** jkollhom biża' ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċjaw riskju reali li jsofru dannu serju.	(3) Il-fatt li pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali, ***jenħtieġ li*** ma ***jikkostitwixxix*** garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż u għalhekk ma jneħħix il-ħtieġa li jitwettaq eżami individwali tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. ***Il-premessa ta' pajjiżi*** ta' oriġini ***sikuri jenħtieġ li tiġi applikata biss wara li applikazzjoni għall-ażil tkun ġiet eżaminata individwalment u*** l-applikant ***ikun seta' jaċċessa l-firxa sħiħa ta' servizzi u riżorsi disponibbli għall-applikanti kollha fil-proċedura tal-ażil, inklużi iżda mhux limitati għal, intervista personali adegwata, assistenza legali, traduzzjoni, akkomodazzjoni sikura u aċċess għal proċess ta' appell. Dan il-kunċett jenħtieġ li qatt ma jiġi applikat għal*** kategoriji ta' applikanti ***li*** jkollhom biża' ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċjaw riskju reali li jsofru dannu serju. ***L-applikazzjonijiet kollha jenħtieġ li jiġu kkunsidrati skont iċ-ċirkostanzi tal-applikanti fil-pajjiż terz. Meta applikant juri li hemm raġunijiet serji - minħabba l-ġeneru, ir-razza, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, in-nazzjonalità, is-sħubija fi grupp soċjali partikolari jew l-opinjoni jew l-attivitajiet politiċi - biex il-pajjiż jitqies bħala mhux sikur fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu jew tagħha, id-dežinjazzjoni tal-pajjiż bħala sikur ma tistax tibqa' titqies rilevanti għalih jew għaliha. Jenħtieġ li tingħata wkoll l-attenzjoni meħtieġa lill-applikanti minn gruppi ta' minoranza fejn l-oneru tal-provi jista' jikser id-dinjità tagħhom jew ipoġġihom f'riskju akbar ta' periklu.**

Or. en

Emenda 36
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-fatt li pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali, ***ma jistax*** jikkostitwixxi garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż ***u għalhekk ma jneħħix il-ħtieġa li jitwettaq eżami individwali tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali***. L-Istati Membri ***jistgħu*** japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ***biss*** meta l-applikant ma jkunx jista' jipprovdi elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalih, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali, u sakemm l-applikant ikollu n-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż jew ikun persuna apolida u ***qabel kien abitwalment residenti f'dak*** il-pajjiż. ***L-applikazzjoni tal-kunċett fil-kuntest tal-evalwazzjoni individwali hija mingħajr preġudizzju għall-fatt li ċerti kategoriji ta' applikanti jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċifika fil-pajjiżi terzi dežinjati u għalhekk jista' jkollhom biża' ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċjaw riskju reali li jsofru dannu serju.***	(3) Il-fatt li pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali, jikkostitwixxi garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż. L-Istati Membri ***huma obbligati*** japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ***fil-każijiet kollha*** meta l-applikant ma jkunx jista' jipprovdi elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalih, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali, u sakemm l-applikant ikollu n-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż jew ikun persuna apolida u ***kellu rabtiet ma' dak*** il-pajjiż ***(eż. residenza abitwali)***.

Or. sk

Emenda 37
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-fatt li pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, fil-livell tal-Unjoni	(3) Il-fatt li pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, fil-livell tal-Unjoni

jew fil-livell nazzjonali, ma jistax jikkostitwixxi garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż u għalhekk ma jneħħix il-ħtieġa li jitwettaq eżami individwali tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ***biss*** meta l-applikant ma jkunx jista' jipprovdi ***elementi*** li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalih, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali, u sakemm l-applikant ikollu n-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż jew ikun persuna apolida ***u qabel kien abitwalment residenti f'dak*** il-pajjiż. L-applikazzjoni tal-kunċett fil-kuntest tal-evalwazzjoni individwali hija mingħajr preġudizzju għall-fatt li ċerti kategoriji ta' applikanti jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċifika fil-pajjiżi terzi dežinjati u għalhekk jista' jkollhom biża' ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċjaw riskju reali li jsofru dannu serju.

jew fil-livell nazzjonali, ma jistax jikkostitwixxi garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż u għalhekk ma jneħħix il-ħtieġa li jitwettaq eżami individwali tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ***f'sitwazzjonijiet*** meta ***jqisu li*** l-applikant ma jkunx jista' jipprovdi ***evidenza legali*** li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalih, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali, u sakemm l-applikant ikollu n-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż jew ikun persuna apolida ***jista' jagħti prova li l-pajjiż kien*** il-pajjiż ***ta' residenza preċedenti tiegħu jew tagħha***. L-applikazzjoni tal-kunċett fil-kuntest tal-evalwazzjoni individwali hija mingħajr preġudizzju għall-fatt li ċerti kategoriji ta' applikanti jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċifika fil-pajjiżi terzi dežinjati u għalhekk jista' jkollhom biża' ġustifikat ***u immedjat*** li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċjaw riskju reali li jsofru dannu serju. ***L-applikanti jeħtiġilhom dejjem ikunu jistgħu jagħtu prova li għandhom raġunijiet validi għalfejn jibżgħu mill-persekuzzjoni jew li jiffaċċjaw riskju reali li jsofru dannu serju.***

Or. fi

Emenda 38
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-fatt li pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali, ma jistax ***jikkostitwixxi*** garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż u għalhekk ma jneħħix il-ħtieġa li jitwettaq	(3) Il-fatt li pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali, ma jistax ***u jenħtieġ li ma jikkostitwixxix*** garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż u għalhekk ma jneħħix il-ħtieġa li

eżami individwali tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikant ma jkunx jista' jipprovdi elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalih, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali, u sakemm l-applikant ikollu n-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż jew ikun persuna apolida u qabel kien abitwalment residenti f'dak il-pajjiż. L-applikazzjoni tal-kunċett fil-kuntest tal-evalwazzjoni individwali hija mingħajr preġudizzju għall-fatt li ċerti kategoriji ta' applikanti jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċifika fil-pajjiżi terzi dežinjati u għalhekk jista' jkollhom biża' ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċjaw riskju reali li jsofru dannu serju.

jitwettaq eżami individwali tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikant***, li jkun ingħata opportunità effettiva u aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex jagħmel dan,*** ma jkunx jista' jipprovdi elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalih, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali, u sakemm l-applikant ikollu n-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż jew ikun persuna apolida u qabel kien abitwalment residenti f'dak il-pajjiż. L-applikazzjoni tal-kunċett fil-kuntest tal-evalwazzjoni individwali hija mingħajr preġudizzju għall-fatt li ċerti kategoriji ta' applikanti jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċifika fil-pajjiżi terzi dežinjati u għalhekk jista' jkollhom biża' ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċjaw riskju reali li jsofru dannu serju.

Or. en

Emenda 39
Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Fabrice Leggeri, Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Jaroslav Bžoch, Anna Maria Cisint, Pascale Piera, Petra Steger, Jorge Buxadé Villalba, Alexandre Varaut

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-fatt li pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali, ma jistax jikkostitwixxi garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż ***u għalhekk ma jneħħix il-ħtieġa li jitwettaq eżami individwali tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali***. L-Istati Membri ***jistgħu*** japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ***biss*** meta l-applikant ma jkunx jista' jipprovdi elementi li	(3) Il-fatt li pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali, ma jistax jikkostitwixxi garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż. L-Istati Membri japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur meta l-applikant ma jkunx jista' jipprovdi elementi ***ġenwini u bbażati fuq il-fatti*** li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalih, fil-qafas ta'

jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta’ pajjiż ta’ oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalih, fil-qafas ta’ valutazzjoni individwali, u sakemm l-applikant ikollu n-nazzjonalità ta’ dak il-pajjiż jew ikun persuna apolida u qabel kien abitwalment residenti f’dak il-pajjiż. L-applikazzjoni tal-kunċett fil-kuntest tal-evalwazzjoni individwali hija mingħajr preġudizzju għall-fatt li ċerti kategoriji ta’ applikanti jistgħu jsibu ruħhom f’sitwazzjoni speċifika fil-pajjiżi terzi dežinjati u għalhekk jista’ jkollhom biża’ ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċjaw riskju reali li jsofru dannu serju.

valutazzjoni individwali, u sakemm l-applikant ikollu n-nazzjonalità ta’ dak il-pajjiż jew ikun persuna apolida u qabel kien abitwalment residenti f’dak il-pajjiż. L-applikazzjoni tal-kunċett fil-kuntest tal-evalwazzjoni individwali hija mingħajr preġudizzju għall-fatt li ċerti kategoriji ta’ applikanti jistgħu jsibu ruħhom f’sitwazzjoni speċifika fil-pajjiżi terzi dežinjati u għalhekk jista’ jkollhom biża’ ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċjaw riskju reali li jsofru dannu serju.

Or. en

Emenda 40
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-applikanti kollha jenħtieġ li jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv fil-każ ta’ deċiżjoni negattiva kif ukoll li jibqgħu legalment fit-territorju sakemm isir tali appell.

Or. en

Emenda 41
Cecilia Strada, Murielle Laurent, Matjaž Nemec, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Francisco Assis, Marco Tarquinio

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Fir-rigward tal-pajjiżi li ngħataw	***imħassar***

l-istatus ta' Stati kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-prinċipji li kull pajjiż li jixtieq isir Stat Membru għandu jikkonforma magħhom. Dawn il-kriterji ġew stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen fl-1993 u msaħħa mill-Kunsill Ewropew ta' Madrid fl-1995. Dawn huma l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom; ekonomija tas-suq li tiffunzjona u l-kapaċità li tiffaċċja l-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE; u l-kapaċità li tassumi l-obbligi tas-sħubija, inkluża l-kapaċità li timplimenta b'mod effettiv ir-regoli, l-istandards u l-politiki li jiffurmaw il-korp tad-dritt tal-UE, u l-aderenza mal-għanijiet tal-unjoni politika, ekonomika u monetarja. Pajjiż jingħata l-istatus ta' pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew abbażi ta' opinjoni mill-Kummissjoni Ewropea, imfassla wara l-applikazzjoni tal-pajjiż għas-sħubija fl-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 61(1) tal-APR jagħmilha ċara li pajjiż terz jista' jiġi ddeżinjat biss bħala SCO meta, abbażi tas-sitwazzjoni legali, tal-applikazzjoni tal-liġi f'sistema demokratika u taċ-ċirkostanzi politiċi ġenerali, jista' jintwera li ma hemm l-ebda persekuzzjoni kif definit fl-Artikolu 9 tal-QR u l-ebda riskju reali ta' dannu serju kif definit fl-Artikolu 17 tal-QR. Il-premessa tal-Kummissjoni tfittex li tevita dawn ir-rekwiżiti.

Emenda 42
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Fir-rigward tal-pajjiżi li ngħataw l-istatus ta' Stati kandidati għall-adeżjoni	***imħassar***

mal-Unjoni, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-prinċipji li kull pajjiż li jixtieq isir Stat Membru għandu jikkonforma magħhom. Dawn il-kriterji ġew stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen fl-1993 u msaħħa mill-Kunsill Ewropew ta' Madrid fl-1995. Dawn huma l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom; ekonomija tas-suq li tiffunzjona u l-kapaċità li tiffaċċja l-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE; u l-kapaċità li tassumi l-obbligi tas-sħubija, inkluża l-kapaċità li timplimenta b'mod effettiv ir-regoli, l-istandards u l-politiki li jiffurmaw il-korp tad-dritt tal-UE, u l-aderenza mal-għanijiet tal-unjoni politika, ekonomika u monetarja. Pajjiż jingħata l-istatus ta' pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew abbażi ta' opinjoni mill-Kummissjoni Ewropea, imfassla wara l-applikazzjoni tal-pajjiż għas-sħubija fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 43
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Fir-rigward tal-pajjiżi li ngħataw l-istatus ta' Stati kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-prinċipji li kull pajjiż li jixtieq isir Stat Membru għandu jikkonforma magħhom. Dawn il-kriterji ġew stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen fl-1993 u msaħħa mill-Kunsill Ewropew ta' Madrid fl-1995. Dawn huma l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-	***imħassar***

demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom; ekonomija tas-suq li tiffunzjona u l-kapaċità li tiffaċċja l-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE; u l-kapaċità li tassumi l-obbligi tas-sħubija, inkluża l-kapaċità li timplimenta b'mod effettiv ir-regoli, l-istandards u l-politiki li jiffurmaw il-korp tad-dritt tal-UE, u l-aderenza mal-għanijiet tal-unjoni politika, ekonomika u monetarja. Pajjiż jingħata l-istatus ta' pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew abbażi ta' opinjoni mill-Kummissjoni Ewropea, imfassla wara l-applikazzjoni tal-pajjiż għas-sħubija fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 44
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni f'pajjiżi terzi oħra ***hija bbażata*** fuq firxa ta' sorsi ta' informazzjoni rilevanti u disponibbli, inkluża informazzjoni mill-Istati Membri, mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil ("l-Aġenzija għall-Ażil"), mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, u minn organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra. Fejn disponibbli, il-valutazzjoni tqis ukoll l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348.	(5) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni f'pajjiżi terzi oħra ***trid tkun ibbażata*** fuq firxa ta' sorsi ta' informazzjoni rilevanti u disponibbli, inkluża informazzjoni mill-Istati Membri, mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil ("l-Aġenzija għall-Ażil"), mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, u minn organizzazzjonijiet internazzjonali ***u nongovernattivi*** rilevanti oħra. Fejn disponibbli, il-valutazzjoni ***jenħtieġ li*** tqis ukoll l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348. ***F'konformità mal-Artikolu 12(4) tar-Regolament 439/2010, l-informazzjoni kollha miġbura u l-analiżi***

mwettqa mill-Aġenzija dwar pajjiżi ta' oriġini sikuri għandha tkun disponibbli għall-Parlament Ewropew. Wara l-konklużjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fil-kawża C-406/22, il-legalità ta' deżinjazzjoni ta' pajjiż bħala pajjiż ta' oriġini sikur tikkostitwixxi punt ta' liġi li jrid ikun jista' jiġi rieżaminat ex officio. Għalhekk, is-sorsi kkonsultati għall-iskop li jiġi ddeżinjat pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell tal-UE jridu jkunu affidabbli, aġġornati u trasparenti, u jenħtieġ li jkunu aċċessibbli għall-qrati, għall-applikanti u għar-rappreżentanti tagħhom.

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (ĠU L 468, 30.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2303/oj).

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (ĠU L 468, 30.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2303/oj).

Or. en

Emenda 45
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni f'pajjiżi terzi ***oħra hija bbażata*** fuq firxa ta' sorsi ta' informazzjoni rilevanti u disponibbli, inkluża informazzjoni mill-Istati Membri, mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil ("l-Aġenzija għall-Asil"), mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, u minn organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra. Fejn disponibbli, il-valutazzjoni tqis ukoll l-analiżi komuni tal-	(5) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni f'pajjiżi terzi ***jenħtieġ li tkun ibbażata*** fuq firxa ta' sorsi ta' informazzjoni rilevanti u disponibbli, inkluża informazzjoni mill-Istati Membri, mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil ("l-Aġenzija għall-Asil"), mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, u minn organizzazzjonijiet internazzjonali ***u nongovernattivi*** rilevanti oħra ***tad-drittijiet tal-bniedem***. Fejn disponibbli, il-

informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348.	valutazzjoni ***jenħtieġ li*** tqis ukoll l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348. ***Is-sorsi li fuqhom hija bbażata l-valutazzjoni jeħtieġ li jkunu affidabbli, aġġornati, trasparenti u aċċessibbli, għal skrutinju adegwat.***

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (ĠU L 468, 30.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2303/oj).

Or. en

Emenda 46
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Alessandro Zan, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[6] Ir-Regolament (UE) 2024/1347 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, u li jħassar d-Direttiva 2011/95/EU tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (ĠU L, 2024/1347, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.***eu/eli/reg/2024/1347/oj)***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kosovo jissodisfa b'mod ċar il-kriterji oġġettivi biex jiġi ddeżinjat bħala pajjiż ta' oriġini sikur, kif muri mir-rata baxxa ħafna ta' rikonoxximent madwar l-UE tal-applikazzjonijiet għall-ażil u l-qafas kostituzzjonali li jinkorpora strumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, id-deżinjazzjoni tal-Kosovo għandha ssegwi approċċ ibbażat fuq ir-regoli, li jibbaża fuq indikaturi oġġettivi u tippermetti l-kunsiderazzjoni mill-ġdida biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u verifikabbli, bħat-tifqigħa ta' kunflitt armat. Dan jiżgura l-kredibbiltà, l-istabbiltà u l-effettività tal-lista komuni tal-UE.

Emenda 72
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fir-rigward tal-Kosovo[5], ***skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, 16-il Stat Membru bħalissa jiddeżinjaw lill-Kosovo bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kosovo kienet ta' 5 % fl-2024. Il-Kosovo huwa kandidat potenzjali***	(7) Fir-rigward tal-Kosovo[5], il-qafas legali ***tiegħu ġeneralment*** jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u huwa f'konformità mal-istandards Ewropej. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Kosovo lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura,

għas-sħubija mal-Unjoni. Il-Kostituzzjoni tiegħu tinkorpora l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kosovo huwa demokrazija rappreżentattiva parlamentari b'diversi partiti b'diviżjoni tal-poter bejn l-istituzzjonijiet leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji u l-qafas legali rilevanti huwa konformi mal-istandards Ewropej. B'mod ġenerali, il-qafas legali jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u huwa f'konformità mal-istandards Ewropej. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Kosovo lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. Ma hemm l-ebda riskju ta' dannu serju fil-Kosovo skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament 2024/1347[6]. Ma hemm l-ebda piena tal-mewt fil-liġi nazzjonali u l-awtoritajiet tal-Kosovo juru impenn għall-prevenzjoni tat-tortura u tat-trattament ħażin. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Kosovo u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. Ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-Kosovo skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. Ma hemm l-ebda riskju ta' dannu serju fil-Kosovo skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament 2024/1347[6]. Ma hemm l-ebda piena tal-mewt fil-liġi nazzjonali u l-awtoritajiet tal-Kosovo juru impenn għall-prevenzjoni tat-tortura u tat-trattament ħażin. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Kosovo u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. Ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-Kosovo skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

---

[5] Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

[6] Ir-Regolament (UE) 2024/1347 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, u li

[5] Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

[6] Ir-Regolament (UE) 2024/1347 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, u li

jħassar d-Direttiva 2011/95/EU tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (ĠU L, 2024/1347, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1347/oj).	jħassar d-Direttiva 2011/95/EU tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (ĠU L, 2024/1347, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1347/oj).

Or. sk

Emenda 73
Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Fir-rigward tal-Albanija, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Asil, 18-il Stat Membru bħalissa jiddeżinjaw lill-Albanija bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Albanija kienet ta' 5 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. L-Albanija hija repubblika parlamentari rregolata minn kostituzzjoni, li tippreskrivi s-separazzjoni tas-setgħat bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Albanija lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Il-piena tal-mewt ġiet abolita taħt kull ċirkostanza fl-2007 u t-tortura hija pprojbita mill-Kostituzzjoni tal-Albanija. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fl-Albanija u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-

Or. en

Emenda 74
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Fir-rigward tal-Bangladesh, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, sitt Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Kosovo bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kosovo kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika xi strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Bangladesh huwa repubblika parlamentari rregolata minn Kostituzzjoni, li tippreskrivi s-separazzjoni tas-setgħat bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Bangladesh lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament 2024/1347. Għalkemm il-Bangladesh iżomm il-piena tal-mewt u ma ffirmax it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt, is-sentenzi tal-mewt rarament jitwettqu. Il-Bangladesh irratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Bangladesh u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod**	***imħassar***

ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 75
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Fir-rigward tal-Bangladesh, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, sitt Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Kosovo bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kosovo kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika xi strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Bangladesh huwa repubblika parlamentari rregolata minn Kostituzzjoni, li tippreskrivi s-separazzjoni tas-setgħat bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Bangladesh lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament 2024/1347. Għalkemm il-Bangladesh iżomm il-piena tal-mewt u ma ffirmax it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt, is-sentenzi tal-mewt rarament jitwettqu. Il-Bangladesh irratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Bangladesh u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza	***imħassar***

indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 76
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Fir-rigward tal-Bangladesh, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, sitt Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Kosovo bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kosovo kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika xi strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Bangladesh huwa repubblika parlamentari rregolata minn Kostituzzjoni, li tippreskrivi s-separazzjoni tas-setgħat bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Bangladesh lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament 2024/1347. Għalkemm il-Bangladesh iżomm il-piena tal-mewt u ma ffirmax it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt, is-sentenzi tal-mewt rarament jitwettqu. Il-Bangladesh irratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-	***imħassar***

Bangladesh u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 77
Cecilia Strada, Murielle Laurent, Matjaž Nemec, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Marco Tarquinio

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Fir-rigward tal-Bangladesh, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Asil, sitt Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Kosovo bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kosovo kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika xi strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Bangladesh huwa repubblika parlamentari rregolata minn Kostituzzjoni, li tippreskrivi s-separazzjoni tas-setgħat bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Bangladesh lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament 2024/1347. Għalkemm il-Bangladesh iżomm il-piena tal-mewt u ma ffirmax it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt, is-sentenzi tal-mewt rarament jitwettqu. Il-	***imħassar***

Bangladesh irratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Bangladesh u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni pprovduta mill-Aġenzija għall-Ażil tagħmilha ċara li s-sitwazzjoni politika fil-Bangladesh hija prekarja minn mindu twaqqa' l-gvern preċedenti ta' Sheikh Hasina, sena biss ilu. Jistgħu jiġu organizzati elezzjonijiet ġodda biss ladarba jsiru riformi estensivi biex jerġgħu jiġu stabbiliti l-istituzzjonijiet demokratiċi. Għalhekk, is-sitwazzjoni fil-Bangladesh bħalissa mhijiex waħda fejn hemm l-applikazzjoni tal-liġi f'sistema demokratika kif meħtieġ skont l-Artikolu 61(1) tal-APR.

Emenda 78
Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Fir-rigward tal-Bangladesh, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, sitt Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Kosovo bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kosovo kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika xi strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Bangladesh huwa repubblika parlamentari rregolata minn Kostituzzjoni, li tippreskrivi s-separazzjoni tas-setgħat bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Bangladesh lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni,	(8) Fir-rigward tal-Bangladesh, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, sitt Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Kosovo bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kosovo kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika xi strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Bangladesh huwa repubblika parlamentari rregolata minn Kostituzzjoni, li tippreskrivi s-separazzjoni tas-setgħat bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Bangladesh lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni,

jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament 2024/1347. ***Għalkemm*** il-Bangladesh iżomm il-piena tal-mewt u ma ffirmax it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt, ***is-sentenzi*** tal-mewt rarament jitwettqu. Il-Bangladesh irratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Bangladesh u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament 2024/1347. Il-Bangladesh iżomm il-piena tal-mewt u ma ffirmax it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt, ***iżda s-sentenzi*** tal-mewt rarament jitwettqu. Il-Bangladesh irratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Bangladesh u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. ***Madankollu, il-pajjiż ma jistax jitqies bħala sikur għal ċerti gruppi, b'mod partikolari l-persuni LGBTIQ, in-nisa, it-tfal, il-membri tal-minoranza Ħindu, u l-ġurnalisti, li jiffaċċjaw sorveljanza, fastidju, vjolenza, detenzjoni arbitrarja, u diskriminazzjoni legali jew soċjali; il-persuni LGBTIQ huma kriminalizzati, u n-nisa u t-tfal jesperjenzaw livelli għoljin ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika.*** B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 79
Reinhold Lopatka, Lukas Mandl, Angelika Winzig, Sophia Kircher, Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Fir-rigward tal-Bangladesh, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, sitt Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Kosovo bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent	(8) Fir-rigward tal-Bangladesh, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, sitt Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Kosovo bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent

fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kosovo kienet ta’ 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika xi strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Bangladesh huwa repubblika parlamentari rregolata minn Kostituzzjoni, li tippreskrivi s-separazzjoni tas-setgħat bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta’ tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta’ ċittadini tal-Bangladesh lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta’ piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B’mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta’ dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament 2024/1347. Għalkemm il-Bangladesh iżomm il-piena tal-mewt u ma ffirmax it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt, is-sentenzi tal-mewt rarament jitwettqu. Il-Bangladesh irratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Bangladesh u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f’sitwazzjonijiet ta’ kunflitt armat internazzjonali jew intern. B’mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kosovo kienet ta’ 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika xi strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Bangladesh huwa repubblika parlamentari rregolata minn Kostituzzjoni, li tippreskrivi s-separazzjoni tas-setgħat bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta’ tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta’ ċittadini tal-Bangladesh lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta’ piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. ***Il-Bangladesh qed jagħmel sforzi sinifikanti biex jindirizza l-kuntrabandu u t-traffikar ta’ bnedmin, madankollu għadhom meħtieġa sforzi u l-UE jenħtieġ li tinvolvi ruħha u tipprovdi assistenza lill-pajjiż f’din il-kwistjoni.*** B’mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta’ dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament 2024/1347. Għalkemm il-Bangladesh iżomm il-piena tal-mewt u ma ffirmax it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt, is-sentenzi tal-mewt rarament jitwettqu. ***Jenħtieġ li jsiru sforzi biex il-Bangladesh jiġi mħeġġeġ bil-qawwa ħalli jiffirma t-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi***. Il-Bangladesh irratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Bangladesh u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f’sitwazzjonijiet ta’ kunflitt armat internazzjonali jew intern. B’mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Bangladesh jissodisfa l-kriterji oġġettivi biex jiġi ddeżinjat bħala pajjiż ta’ oriġini sikur, kif muri mir-rata baxxa ħafna ta’ rikonoxximent madwar l-UE u n-nuqqas ta’ persekuzzjoni sistematika jew vjolenza indiskriminata. It-tneħħija tal-Bangladesh mil-lista tal-Unjoni

timmina l-konsistenza, tifframmenta s-sistema permezz ta' prattiki nazzjonali diverġenti, u ddgħajjef l-effiċjenza tal-proċeduri tal-asil.

Emenda 80
Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Fir-rigward tal-Bożnija-Ħerzegovina, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Asil, 17-il Stat Membru bħalissa jiddeżinjaw lill-Bożnija-Ħerzegovina bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Bożnija-Ħerzegovina kienet ta' 1 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Bożnija-Ħerzegovina hija demokrazija parlamentari rregolata minn kostituzzjoni li tiddeskrivi d-diviżjoni tal-awtorità eżekuttiva u s-setgħa leġiżlattiva, kif ukoll iż-żewġ entitajiet tal-Federazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina u r-Repubblika Srpska. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Bożnija-Ħerzegovina lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Ma hemm l-ebda piena tal-mewt fil-Bożnija-Ħerzegovina. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Bożnija-Ħerzegovina u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Emenda 81
Cecilia Strada, Murielle Laurent, Matjaž Nemec, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Francisco Assis, Marco Tarquinio

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fir-rigward tal-Kolombja, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, l-ebda Stat Membru bħalissa ma jindika l-Kolombja bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent għall-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kolombja kienet ta' 5 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kostituzzjoni tal-1991 u l-ġurisprudenza sussegwenti mill-Qorti Kostituzzjonali jipprevedu garanziji b'saħħithom tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kolombja hija repubblika federali b'sistema politika rappreżentattiva demokratika u diviżjoni tas-setgħat bejn il-fergħat eżekuttivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija mifruxa, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Kolombja lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' dannu serju fil-Kolombja skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347, ħlief f'żoni rurali speċifiċi mingħajr preżenza integrali tal-Istat. Il-piena tal-mewt hija pprojbita taħt il-Kostituzzjoni Kolombjana. Il-qafas legali li jipprojbixxi t-tortura u t-trattament inuman jew degradanti tal-piena huwa f'konformità mal-istandards internazzjonali. Ma hemm l-ebda theddida ġeneralizzata minħabba vjolenza	***imħassar***

indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni pprovduta mill-Aġenzija għall-Ażil tagħmilha ċara li, għalkemm il-kunflitt bejn il-gvern u l-FARC intemm fl-2016, is-sitwazzjoni ġenerali fil-Kolombja hija kkaratterizzata mill-preżenza ta' gruppi armati li jkomplu joperaw u jespandu l-preżenza tagħhom. Hemm ukoll diversi kategoriji ta' persuni f'riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju. Id-deżinjazzjoni tal-Kolombja bħala pajjiż ta' oriġini sikur minkejja dan il-fatt tkun tfisser li "l-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ikun ftit aktar minn finzjoni".

Emenda 82
Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fir-rigward tal-Kolombja, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, l-ebda Stat Membru bħalissa ma jindika l-Kolombja bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent għall-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kolombja kienet ta' 5 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kostituzzjoni tal-1991 u l-ġurisprudenza sussegwenti mill-Qorti Kostituzzjonali jipprevedu garanziji b'saħħithom tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kolombja hija repubblika federali b'sistema politika rappreżentattiva demokratika u diviżjoni tas-setgħat bejn il-fergħat eżekuttivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija mifruxa, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Kolombja lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew	***imħassar***

trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' dannu serju fil-Kolombja skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347, ħlief f'żoni rurali speċifiċi mingħajr preżenza integrali tal-Istat. Il-piena tal-mewt hija pprojbita taħt il-Kostituzzjoni Kolombjana. Il-qafas legali li jipprojbixxi t-tortura u t-trattament inuman jew degradanti tal-piena huwa f'konformità mal-istandards internazzjonali. Ma hemm l-ebda theddida ġeneralizzata minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 83
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fir-rigward tal-Kolombja, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, l-ebda Stat Membru bħalissa ma jindika l-Kolombja bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent għall-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kolombja kienet ta' 5 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kostituzzjoni tal-1991 u l-ġurisprudenza sussegwenti mill-Qorti Kostituzzjonali jipprevedu garanziji b'saħħithom tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kolombja hija repubblika federali b'sistema politika rappreżentattiva demokratika u diviżjoni tas-setgħat bejn il-fergħat eżekuttivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji. Ma hemm l-ebda indikazzjoni	***imħassar***

ta' tkeċċija mifruxa, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Kolombja lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' dannu serju fil-Kolombja skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347, ħlief f'żoni rurali speċifiċi mingħajr preżenza integrali tal-Istat. Il-piena tal-mewt hija pprojbita taħt il-Kostituzzjoni Kolombjana. Il-qafas legali li jipprojbixxi t-tortura u t-trattament inuman jew degradanti tal-piena huwa f'konformità mal-istandards internazzjonali. Ma hemm l-ebda theddida ġeneralizzata minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 84
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fir-rigward tal-Kolombja, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, l-ebda Stat Membru bħalissa ma jindika l-Kolombja bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent għall-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kolombja kienet ta' 5 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kostituzzjoni tal-1991 u l-ġurisprudenza sussegwenti mill-Qorti Kostituzzjonali jipprevedu garanziji b'saħħithom tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kolombja hija repubblika federali	***imħassar***

b'sistema politika rappreżentattiva demokratika u diviżjoni tas-setgħat bejn il-fergħat eżekuttivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija mifruxa, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Kolombja lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' dannu serju fil-Kolombja skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347, ħlief f'żoni rurali speċifiċi mingħajr preżenza integrali tal-Istat. Il-piena tal-mewt hija pprojbita taħt il-Kostituzzjoni Kolombjana. Il-qafas legali li jipprojbixxi t-tortura u t-trattament inuman jew degradanti tal-piena huwa f'konformità mal-istandards internazzjonali. Ma hemm l-ebda theddida ġeneralizzata minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 85
Reinhold Lopatka, Lukas Mandl, Angelika Winzig, Sophia Kircher, Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fir-rigward tal-Kolombja, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, l-ebda Stat Membru bħalissa ma jindika l-Kolombja bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent għall-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kolombja kienet ta' 5 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-	(9) Fir-rigward tal-Kolombja, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, l-ebda Stat Membru bħalissa ma jindika l-Kolombja bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent għall-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kolombja kienet ta' 5 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-

Kostituzzjoni tal-1991 u l-ġurisprudenza sussegwenti mill-Qorti Kostituzzjonali jipprevedu garanziji b'saħħithom tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kolombja hija repubblika federali b'sistema politika rappreżentattiva demokratika u diviżjoni tas-setgħat bejn il-fergħat eżekuttivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija mifruxa, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Kolombja lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' dannu serju fil-Kolombja skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347, ħlief f'żoni rurali speċifiċi mingħajr preżenza integrali tal-Istat. Il-piena tal-mewt hija pprojbita taħt il-Kostituzzjoni Kolombjana. Il-qafas legali li jipprojbixxi t-tortura u t-trattament inuman jew degradanti tal-piena huwa f'konformità mal-istandards internazzjonali. Ma hemm l-ebda theddida ġeneralizzata minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Kostituzzjoni tal-1991 u l-ġurisprudenza sussegwenti mill-Qorti Kostituzzjonali jipprevedu garanziji b'saħħithom tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kolombja hija repubblika federali b'sistema politika rappreżentattiva demokratika u diviżjoni tas-setgħat bejn il-fergħat eżekuttivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija mifruxa, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Kolombja lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. ***Ta' min ifakkar li l-Kolombja hija wieħed mill-pajjiżi ospitanti prinċipali għall-miljuni ta' Venezwelani li ħarbu mit-tirannija tar-Reġim ta' Maduro. Madankollu wieħed għandu jinnota li taħt l-amministrazzjoni attwali, is-sitwazzjoni marret għall-agħar. Minkejja dan,*** b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' dannu serju fil-Kolombja skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347, ħlief f'żoni rurali speċifiċi mingħajr preżenza integrali tal-Istat. Il-piena tal-mewt hija pprojbita taħt il-Kostituzzjoni Kolombjana. Il-qafas legali li jipprojbixxi t-tortura u t-trattament inuman jew degradanti tal-piena huwa f'konformità mal-istandards internazzjonali. Ma hemm l-ebda theddida ġeneralizzata minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kolombja għandha qafas kostituzzjonali robust li jipproteġi d-drittijiet tal-bniedem u rata baxxa ħafna ta' rikonoxximent ta' applikazzjonijiet għall-ażil fl-UE. L-esklużjoni tal-Kolombja mil-lista tikkontradixxi evidenza oġġettiva, tħeġġeġ divergenza nazzjonali u toħloq pressjoni bla bżonn fuq is-sistemi tal-ażil. Il-lista tal-Unjoni għandha tirrifletti konsistenza u ċertezza legali.

Emenda 86
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Fir-rigward tal-Eġittu, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, bħalissa, sitt Stati Membri jiddeżinjaw lill-Eġittu bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha għall-applikanti mill-Eġittu kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. L-Eġittu huwa repubblika fejn il-President iservi kemm bħala l-kap ta' stat kif ukoll bħala l-kap tal-eżekuttiv. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Eġittu lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Għalkemm l-Eġittu jżomm il-piena tal-mewt skont il-Kodiċi Penali u l-liġijiet militari, l-Eġittu rratifika l-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra. Fl-Istrateġija Nazzjonali tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Eġittu ddikjara l-intenzjoni tiegħu li jirriforma l-liġi dwar l-arrest preventiv, itejjeb il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, jillimita l-għadd ta' atti kriminali kkastigati bil-mewt u jsaħħaħ il-kultura tad-drittijiet tal-bniedem fl-istituzzjonijiet kollha tal-gvern. Jeħtieġ implimentazzjoni effettiva, peress li sa issa sar progress fl-aspetti istituzzjonali. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fl-Eġittu u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni**	***imħassar***

fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 87
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Fir-rigward tal-Eġittu, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, bħalissa, sitt Stati Membri jiddeżinjaw lill-Eġittu bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha għall-applikanti mill-Eġittu kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. L-Eġittu huwa repubblika fejn il-President iservi kemm bħala l-kap ta' stat kif ukoll bħala l-kap tal-eżekuttiv. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Eġittu lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Għalkemm l-Eġittu jżomm il-piena tal-mewt skont il-Kodiċi Penali u l-liġijiet militari, l-Eġittu rratifika l-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra. Fl-Istrateġija Nazzjonali tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Eġittu ddikjara l-intenzjoni tiegħu li jirriforma l-liġi dwar l-arrest preventiv, itejjeb il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, jillimita l-għadd ta' atti kriminali kkastigati bil-mewt u jsaħħaħ il-kultura tad-drittijiet tal-bniedem fl-istituzzjonijiet kollha tal-gvern. Jeħtieġ implimentazzjoni effettiva, peress li sa issa	***imħassar***

sar progress fl-aspetti istituzzjonali. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fl-Eġittu u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 88
Cecilia Strada, Murielle Laurent, Matjaž Nemec, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Francisco Assis, Marco Tarquinio

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Fir-rigward tal-Eġittu, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, bħalissa, sitt Stati Membri jiddeżinjaw lill-Eġittu bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha għall-applikanti mill-Eġittu kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. L-Eġittu huwa repubblika fejn il-President iservi kemm bħala l-kap ta' stat kif ukoll bħala l-kap tal-eżekuttiv. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Eġittu lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Għalkemm l-Eġittu jżomm il-piena tal-mewt skont il-Kodiċi Penali u l-liġijiet militari, l-Eġittu rratifika l-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra.	***imħassar***

Fl-Istrateġija Nazzjonali tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Eġittu ddikjara l-intenzjoni tiegħu li jirriforma l-liġi dwar l-arrest preventiv, itejjeb il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, jillimita l-għadd ta' atti kriminali kkastigati bil-mewt u jsaħħaħ il-kultura tad-drittijiet tal-bniedem fl-istituzzjonijiet kollha tal-gvern. Jeħtieġ implimentazzjoni effettiva, peress li sa issa sar progress fl-aspetti istituzzjonali. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fl-Eġittu u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni pprovduta mill-Aġenzija għall-Ażil tagħmilha ċara li l-militar ilu jmexxi l-pajjiż mill-kolp ta' stat militari fl-2013. L-influwenza militari testendi fuq l-ekonomija, il-politika u l-governanza ġenerali. Il-parteċipazzjoni politika hija ristretta b'mod sinifikanti. Għalhekk, is-sitwazzjoni fl-Eġittu bħalissa mhijiex waħda fejn hemm l-applikazzjoni tal-liġi f'sistema demokratika kif meħtieġ skont l-Artikolu 61(1) tal-APR.

Emenda 89
Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Fir-rigward tal-Eġittu, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, bħalissa, sitt Stati Membri jiddeżinjaw lill-Eġittu bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha għall-applikanti mill-Eġittu kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. L-Eġittu huwa repubblika fejn	***imħassar***

il-President iservi kemm bħala l-kap ta' stat kif ukoll bħala l-kap tal-eżekuttiv. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Eġittu lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Għalkemm l-Eġittu jżomm il-piena tal-mewt skont il-Kodiċi Penali u l-liġijiet militari, l-Eġittu rratifika l-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra. Fl-Istrateġija Nazzjonali tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Eġittu ddikjara l-intenzjoni tiegħu li jirriforma l-liġi dwar l-arrest preventiv, itejjeb il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, jillimita l-għadd ta' atti kriminali kkastigati bil-mewt u jsaħħaħ il-kultura tad-drittijiet tal-bniedem fl-istituzzjonijiet kollha tal-gvern. Jeħtieġ implimentazzjoni effettiva, peress li sa issa sar progress fl-aspetti istituzzjonali. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fl-Eġittu u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 90
Reinhold Lopatka, Lukas Mandl, Angelika Winzig, Sophia Kircher, Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Fir-rigward tal-Eġittu, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil,	(10) Fir-rigward tal-Eġittu, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil,

bħalissa, sitt Stati Membri jiddeżinjaw lill-Eġittu bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha għall-applikanti mill-Eġittu kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. L-Eġittu huwa repubblika fejn il-President iservi kemm bħala l-kap ta' stat kif ukoll bħala l-kap tal-eżekuttiv. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Eġittu lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Għalkemm l-Eġittu jżomm il-piena tal-mewt skont il-Kodiċi Penali u l-liġijiet militari, l-Eġittu rratifika l-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra. Fl-Istrateġija Nazzjonali tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Eġittu ddikjara l-intenzjoni tiegħu li jirriforma l-liġi dwar l-arrest preventiv, itejjeb il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, jillimita l-għadd ta' atti kriminali kkastigati bil-mewt u jsaħħaħ il-kultura tad-drittijiet tal-bniedem fl-istituzzjonijiet kollha tal-gvern. Jeħtieġ implimentazzjoni effettiva, peress li sa issa sar progress fl-aspetti istituzzjonali. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fl-Eġittu u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

bħalissa, sitt Stati Membri jiddeżinjaw lill-Eġittu bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha għall-applikanti mill-Eġittu kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. L-Eġittu huwa repubblika fejn il-President iservi kemm bħala l-kap ta' stat kif ukoll bħala l-kap tal-eżekuttiv. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Eġittu lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. ***L-Eġittu qed jagħmel sforzi sinifikanti biex jindirizza l-kuntrabandu u t-traffikar ta' bnedmin, madankollu għadhom meħtieġa sforzi u l-UE jenħtieġ li tinvolvi ruħha u tipprovdi assistenza lill-pajjiż f'din il-kwistjoni.*** B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Għalkemm l-Eġittu jżomm il-piena tal-mewt skont il-Kodiċi Penali u l-liġijiet militari, l-Eġittu rratifika l-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra. Fl-Istrateġija Nazzjonali tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Eġittu ddikjara l-intenzjoni tiegħu li jirriforma l-liġi dwar l-arrest preventiv, itejjeb il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, jillimita l-għadd ta' atti kriminali kkastigati bil-mewt u jsaħħaħ il-kultura tad-drittijiet tal-bniedem fl-istituzzjonijiet kollha tal-gvern. ***Jenħtieġ li jsiru sforzi biex l-Eġittu jiġi mħeġġeġ bil-qawwa ħalli jiffirma t-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi.*** Jeħtieġ implimentazzjoni effettiva, peress li sa issa sar progress fl-aspetti istituzzjonali. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fl-Eġittu u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Eġittu rratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem, u r-rati ta' rikonoxximent tal-ażil jibqgħu baxxi ħafna madwar l-Unjoni. Filwaqt li jeżistu sfidi, dawn ma jirrappreżentawx persekuzzjoni sistematika jew vjolenza indiskriminata skont it-tifsira tar-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika. Il-lista tal-Unjoni trid tkun ibbażata fuq indikaturi oġġettivi, mhux kunsiderazzjonijiet politiċi suġġettivi.

Emenda 91
Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Fir-rigward tal-Georgia, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, 14-il Stat Membru bħalissa jiddeżinjaw lill-Georgia bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Georgia kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Georgia hija repubblika parlamentari rregolata minn kostituzzjoni, li tippreskrivi s-separazzjoni tas-setgħat bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Georgia lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Il-piena tal-mewt ġiet abolita fis-sena 2000 u t-tortura hija pprojbita mill-Kostituzzjoni tal-Georgia. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Georgia u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt

armat internazzjonali jew intern. Madankollu, fir-reġjuni separatisti tal-Abkażja u tal-Ossezja tan-Nofsinhar, li mhumiex taħt il-kontroll effettiv tal-gvern tal-Georgia, ġew irrapportati restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' moviment, il-parteċipazzjoni politika, u d-drittijiet ta' ċerti minoranzi etniċi. Barra minn hekk, rapporti u riżoluzzjonijiet reċenti jwissu li l-Georgia tinsab għaddejja minn rigress serju fid-demokrazija, hekk kif il-gvern ipoġġi lill-mexxejja tal-oppożizzjoni fil-ħabs, irażżan il-protesti, idgħajjef l-indipendenza ġudizzjarja u jadotta riformi li jillimitaw il-pluraliżmu politiku u l-libertà tal-espressjoni. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 92
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(13a) Fir-rigward tal-Alġerija, skont l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, 10 pajjiżi tal-UE+ bħalissa jiddeżinjawha bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell**

nazzjonali u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni għall-applikanti mill-Alġerija kienet ta' 9 % fl-2023. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali prinċipali fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, irratifikat fis-16 ta' Diċembru 1966 u l-Konvenzjoni Kontra t-Tortura rratifikata fit-12 ta' Settembru 1989. L-Alġerija hija repubblika kostituzzjonali tat-tip semipresidenzjali. Ma hemm l-ebda indikazzjoni tal-eżistenza ta' kunflitt armat fit-territorju Alġerin, u għalhekk ma hemm l-ebda theddida li tirriżulta minn vjolenza relatata miegħu. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali li wieħed iġarrab dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. L-Alġerija ilha mill-1993 tosserva moratorju fuq l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt, għalkemm iżżomm il-piena tal-mewt fid-dritt kriminali tagħha u ma rratifikatx it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt. Fl-aħħar nett, peress li l-pajjiż huwa parti għall-Konvenzjoni Kontra t-Tortura, l-obbligi tal-Konvenzjoni ilhom vinkolanti fuq l-awtoritajiet mir-ratifika tagħha, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement.

Or. fr

Emenda 114
Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Fabrice Leggeri, Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Jaroslav Bžoch, Anna Maria Cisint, Pascale Piera, Petra Steger, Jorge Buxadé Villalba, Alexandre Varaut

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(13a) Fir-rigward tal-Alġerija, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, 10 Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Alġerija bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent għall-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Alġerija kienet ta' 7 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. L-Alġerija hija repubblika presidenzjali. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Alġerija lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. L-Alġerija osservat moratorju fuq l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt mill-1993, għalkemm iżżomm il-piena tal-mewt fil-liġi kriminali tagħha u ma rratifikatx it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. L-Alġerija rratifikat il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fl-Alġerija u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 115
Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers, Alexandre Varaut, António Tânger Corrêa, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Fir-rigward tal-Guinea-Bissau, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, ir-rata ta' rikonoxximent għall-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Guinea-Bissau kienet baxxa fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem u, b'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Il-Guinea-Bissau aboliet il-piena tal-mewt u rratifikat it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. Il-Guinea-Bissau rratifikat il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Guinea-Bissau u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 116
Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Fabrice Leggeri, Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Jaroslav Bžoch, Anna Maria Cisint, Pascale Piera, Petra Steger, Jorge Buxadé Villalba, Alexandre Varaut

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(13b) Fir-rigward ta' Cabo Verde, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, erba' Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lil Cabo Verde bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta'**

rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti minn Cabo Verde kienet ta' 0 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Cabo Verde huwa repubblika semipresidenzjali. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini ta' Cabo Verde lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Cabo Verde abolixxa l-piena tal-mewt u rratifika t-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. Cabo Verde rratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat f'Cabo Verde u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 117
Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers, Alexandre Varaut, António Tânger Corrêa, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Fir-rigward tal-Guinea, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, ir-rata ta' rikonoxximent għall-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Guinea kienet baxxa fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-

istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Guinea lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347 peress li l-gvern qed jieħu passi reali biex jidentifika u jikkastiga lil uffiċjali li jwettqu abbużi tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Guinea aboliet il-piena tal-mewt u rratifikat il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Guinea u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2024/1347.

Or. en

Emenda 118
Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Fabrice Leggeri, Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Jaroslav Bžoch, Anna Maria Cisint, Pascale Piera, Petra Steger, Jorge Buxadé Villalba, Alexandre Varaut

Proposta għal regolament
Premessa 13c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	13(c) Fir-rigward tal-Kosta tal-Avorju (Côte d'Ivoire), skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Asil, Stat Membru wieħed bħalissa jiddeżinja lill-Kosta tal-Avorju bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Kosta tal-Avorju kienet ta' 22 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-

drittijiet tal-bniedem. Il-Kosta tal-Avorju hija repubblika presidenzjali. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Kosta tal-Avorju lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Il-Kosta tal-Avorju aboliet il-piena tal-mewt u rratifikat it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. Il-Kosta tal-Avorju rratifikat il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Kosta tal-Avorju u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 119
Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers, Alexandre Varaut, António Tânger Corrêa, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 13c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	13(c) Fir-rigward tal-Mauritania, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Asil, ir-rata ta' rikonoxximent għall-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Mauritania kienet baxxa fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Mauritania

lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Il-Mauritania ma abolietx il-piena tal-mewt iżda żżomm moratorju de facto mill-1987. Il-Mauritania rratifikat il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Mauritania u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 120
Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Fabrice Leggeri, Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Jaroslav Bžoch, Anna Maria Cisint, Pascale Piera, Petra Steger, Jorge Buxadé Villalba, Alexandre Varaut

Proposta għal regolament
Premessa 13d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13d) Fir-rigward tal-Gambja, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Asil, erba' Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lill-Gambja bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Gambja kienet taħt it-8 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Gambja hija repubblika presidenzjali. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Gambja lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew

trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Il-Gambja aboliet il-piena tal-mewt u rratifikat it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. Il-Gambja rratifikat il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Gambja u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 121
Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Fabrice Leggeri, Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Jaroslav Bžoch, Anna Maria Cisint, Pascale Piera, Petra Steger, Jorge Buxadé Villalba, Alexandre Varaut

Proposta għal regolament
Premessa 13e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13e) Fir-rigward tal-Ghana, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, 14-il Stat Membru bħalissa jiddeżinjaw lill-Ghana bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Ghana kienet taħt it-8 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Ghana hija repubblika presidenzjali. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tal-Ghana lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew

trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Il-Ghana osservat moratorju fuq l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt, għalkemm iżżomm il-piena tal-mewt fil-liġi kriminali tagħha u ma rratifikatx it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. Il-Ghana rratifikat il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Ghana u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 122
Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Fabrice Leggeri, Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Jaroslav Bžoch, Anna Maria Cisint, Pascale Piera, Petra Steger, Jorge Buxadé Villalba, Alexandre Varaut

Proposta għal regolament
Premessa 13f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13f) Fir-rigward tal-Perù, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Ażil, Stat Membru wieħed bħalissa jiddeżinja lill-Perù bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mill-Perù kienet ta' 4 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Perù huwa repubblika presidenzjali. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew

estradizzjoni ta' ċittadini tal-Perù lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Il-Perù abolixxa l-piena tal-mewt għal reati ordinarji, għalkemm iżomm il-piena tal-mewt għal reati mwettqa fi żmien ta' gwerra u rratifika t-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, b'riżerva għal żmien ta' gwerra. Il-Perù rratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fil-Perù u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 123
Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Fabrice Leggeri, Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Jaroslav Bžoch, Anna Maria Cisint, Pascale Piera, Petra Steger, Jorge Buxadé Villalba, Alexandre Varaut

Proposta għal regolament
Premessa 13g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13g) Fir-rigward tas-Senegal, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Asil, 12-il Stat Membru bħalissa jiddeżinjaw lis-Senegal bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mis-Senegal kienet ta' 9 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-drittijiet tal-

bniedem. Is-Senegal huwa repubblika semipresidenzjali. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tas-Senegal lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Is-Senegal abolixxa l-piena tal-mewt u rratifika t-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. Is-Senegal irratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fis-Senegal u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 124
Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Fabrice Leggeri, Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Jaroslav Bžoch, Anna Maria Cisint, Pascale Piera, Petra Steger, Jorge Buxadé Villalba, Alexandre Varaut

Proposta għal regolament
Premessa 13h (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13h) Fir-rigward tas-Sri Lanka, skont l-informazzjoni mill-Aġenzija għall-Asil, żewġ Stati Membri bħalissa jiddeżinjaw lis-Sri Lanka bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-livell nazzjonali, u r-rata ta' rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-applikanti mis-Sri Lanka kienet taħt il-15 % fl-2024. Il-pajjiż irratifika l-istrumenti internazzjonali ewlenin tad-

drittijiet tal-bniedem. Is-Sri Lanka hija repubblika semipresidenzjali. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tkeċċija, tneħħija jew estradizzjoni ta' ċittadini tas-Sri Lanka lejn pajjiżi fejn hemm riskju ta' piena tal-mewt, tortura, persekuzzjoni, jew trattament inuman jew degradanti. B'mod ġenerali, ma hemmx riskju reali ta' dannu serju skont it-tifsira tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1347. Is-Sri Lanka osservat moratorju fuq l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt mill-1976, għalkemm iżżomm il-piena tal-mewt fil-liġi kriminali tagħha u ma rratifikatx it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. Is-Sri Lanka rratifikat il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra. Ma hemm l-ebda kunflitt armat fis-Sri Lanka u għalhekk ma teżisti l-ebda theddida minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda persekuzzjoni fil-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2024/1347.

Or. en

Emenda 125
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Ir-Regolament (UE) 2024/1348 jipprevedi l-possibbiltà li pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.	(14) Ir-Regolament (UE) 2024/1348 jipprevedi l-possibbiltà li pajjiżi terzi jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament. ***Minħabba l-impatt akbar ta' deżinjazzjoni bħala sikur fil-livell tal-Unjoni, pajjiż terz jenħtieġ li ma jiġix***

dežinjat bħala sikur fil-livell tal-Unjoni meta jkunu japplikaw iċ-ċirkostanzi li ġejjin: ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż; jiġu adottati miżuri restrittivi skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-azzjonijiet tal-pajjiż; jew meta r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha li tappartjeni għall-applikanti mill-pajjiż tkun ogħla minn 5 %.

Or. en

Emenda 126
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Madankollu, meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk u fit-Tuneżija, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 127
Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Fabrice Leggeri, Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Jaroslav Bžoch, Anna Maria Cisint, Pascale Piera, Petra Steger, Jorge Buxadé Villalba, Alexandre Varaut

Proposta għal regolament

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) ***Madankollu,*** meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk ***u*** fit-Tuneżija, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.	(16) Meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk***,*** fit-Tuneżija, ***fl-Alġerija, fil-Cabo Verde, fil-Kosta tal-Avorju, fil-Gambja, fil-Ghana, fil-Perù, fis-Senegal u fis-Sri Lanka*** kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, ***jista' jiġi konklużż li dawk il-pajjiżi li jissodisfaw il-kriterji biex jiġu kkunsidrati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/1348 u*** jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. ***Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jiddeżinjaw pajjiżi terzi oħra bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell nazzjonali u għad-dežinjazzjoni futura possibbli ta' pajjiżi terzi addizzjonali bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni permezz ta' emendi futuri għar-Regolament (UE) 2024/1348.***

Or. en

Emenda 128
Reinhold Lopatka, Lukas Mandl, Angelika Winzig, Sophia Kircher, Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Madankollu, meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-	(16) Madankollu, meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-

Indja, fil-Marokk u fit-Tuneżija, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.	Indja, fil-Marokk u fit-Tuneżija, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. ***Iż-żieda ta' dawn il-pajjiżi mal-lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri ddeżinjati jenħtieġ li tintlaqa' b'aktar kooperazzjoni fil-ġestjoni tal-migrazzjoni sabiex tiġi żgurata migrazzjoni ġusta u legali, ħalli jiġu miġġielda l-kuntrabandu u t-traffikar ta' bnedmin.***
	Or. en

Emenda 129
Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Madankollu, meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, ***fil-Kolombja, fl-Eġittu***, fl-Indja, fil-Marokk ***u fit-Tuneżija***, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, ***kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent,*** jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.	(16) Madankollu, meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, ***fl-Albanija,*** fil-Bangladesh, ***fil-Bożnija-Ħerzegovina, fil-Georgia***, fl-Indja, ***fil-Moldova, fil-Montenegro,*** fil-Marokk***, fil-Maċedonja ta' Fuq, u fis-Serbja***, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni***, minbarra l-kategoriji speċifiċi elenkati fl-Anness II***.
	Or. en

Emenda 130
Francisco Assis

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) ***Madankollu,*** meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, ***fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu***, fl-Indja, fil-Marokk ***u fit-Tuneżija***, ***kif ukoll*** fil-Kosovo ***bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent***, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.	(16) Meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, ***fl-Albanija, fil-Bożnija-Ħerzegovina***, fl-Indja, fil-Marokk, fil-Kosovo***, fil-Montenegro, fil-Maċedonja ta' Fuq***, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. ***Meta jkun meħtieġ, id-dežinjazzjoni jenħtieġ li ssir b'eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi tat-territorju jew kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar.***

Or. en

Emenda 131
Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers, Alexandre Varaut, António Tânger Corrêa, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Madankollu, meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk ***u*** fit-Tuneżija, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.	(16) Madankollu, meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk***,*** fit-Tuneżija, ***fil-Guinea-Bissau, fil-Guinea u fil-Mauritania*** kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 132
Cecilia Strada, Murielle Laurent, Matjaž Nemec, Birgit Sippel, Ana Catarina Mendes,

Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Marco Tarquinio

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) ***Madankollu,*** meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, ***fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu***, fl-Indja, ***fil-Marokk u fit-Tuneżija, kif ukoll*** fil-Kosovo ***bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent***, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.	(16) Meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, ***fl-Albanija, fil-Bożnija-Ħerzegovina***, fl-Indja, fil-Kosovo***, fil-Montenegro, fil-Maċedonja ta' Fuq***, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. ***Meta jkun meħtieġ, id-deżinjazzjoni jenħtieġ li ssir b'eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi tat-territorju jew kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar.***

Or. en

Emenda 133
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Madankollu, meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk u fit-Tuneżija, kif ukoll fil-Kosovo ***bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni***, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.	(16) Madankollu, meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk u fit-Tuneżija, kif ukoll fil-Kosovo, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.

Or. sk

Emenda 134
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Madankollu, meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk u fit-Tuneżija, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.	(16) Madankollu, meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk u fit-Tuneżija, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati ***immedjatament*** bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.

Or. fi

Emenda 135
Jaroslav Bžoch, António Tânger Corrêa, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Madankollu, meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk ***u*** fit-Tuneżija, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.	(16) Madankollu, meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk***,*** fit-Tuneżija ***u fl-Armenja***, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 136
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Madankollu, meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, ***fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu,*** fl-Indja***,*** fil-Marokk ***u fit-Tuneżija***, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.	(16) Madankollu, meta jitqies li, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, fl-Indja ***u*** fil-Marokk, kif ukoll fil-Kosovo bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, jenħtieġ li dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 137
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) ***Madankollu,*** meta jitqies li***, b'mod ġenerali,*** ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, ***fil-Bangladesh, fil-Kolombja, fl-Eġittu, fl-Indja, fil-Marokk u fit-Tuneżija, kif ukoll*** fil-Kosovo ***bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-Unjoni, kif muri wkoll mir-rati baxxi ħafna ta' rikonoxximent, jenħtieġ li*** dawn jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni.	(16) Meta jitqies li ***bħalissa*** ma hemm l-ebda riskju ta' persekuzzjoni jew dannu serju, skont it-tifsira tar-Regolament 2024/1347, ***fil-Bożnija-Ħerzegovina, fil-Montenegro, fil-Maċedonja ta' Fuq, u*** fil-Kosovo***,*** dawn ***jistgħu*** jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. ***Din id-deżinjazzjoni għandha tiġi riežaminata regolarment, kif meħtieġ mill-Artikolu 62(2) tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil.***

Or. en

Emenda 138

Reinhold Lopatka, Lukas Mandl, Angelika Winzig, Sophia Kircher, Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Irid jiġi enfasizzat li d-dežinjazzjoni ta' pajjiżi bħala pajjiż ta' oriġini sikur fil-qafas ta' dan ir-regolament se tippermetti lill-Unjoni tidentifika malajr fil-proċess lil dawk li huma eliġibbli għall-ażil u dawk li mhumiex, u b'hekk ir-riżorsi jkunu jistgħu jilħqu aktar malajr dawk il-każijiet li verament jistħoqqilhom protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 139
Jadwiga Wiśniewska, Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Maciej Wąsik

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi u l-ġurnalisti.	***imħassar***

Ġustifikazzjoni

Biex tiġi evitata repetizzjoni. Il-kontenut tal-Premessa 17 diġà huwa kopert b'mod adegwat mill-Premessa 3.

Emenda 140
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) ***L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala*** pajjiżi ta' oriġini sikuri ***fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali***. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, bħall-persuni LGBTIQ, ***il-vittmi*** ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi u l-ġurnalisti.	(17) ***Il-premessa ta'*** pajjiżi ta' oriġini sikuri ***jenħtieġ li tiġi applikata biss fil-kuntest ta' aderenza sħiħa mal-prinċipju ta' non-refoulement u wara li applikazzjoni għall-ażil tkun ġiet eżaminata individwalment u l-applikant ikun seta' jaċċessa l-firxa sħiħa ta' servizzi u riżorsi disponibbli għall-applikanti kollha fil-proċedura tal-ażil***. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, bħall-persuni LGBTIQ, ***nisa u b'mod partikolari l-vittmi*** ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi***, il-vittmi tat-tortura, il-membri tal-oppożizzjoni*** u l-ġurnalisti. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu konxji li għal xi gruppi ta' minoranza bħal-LGBTIQ, li wieħed isostni li jappartjeni għal din il-minoranza bħala parti mill-proċess tal-ażil jista' fih innifsu jkun biżżejjed biex ipoġġi lil dawn l-individwi f'riskju fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Għalhekk ma għandu jkun hemm l-ebda oneru tal-provi fuq l-applikanti li juru jew jipprovaw li jifformaw parti minn grupp vulnerabbli jew ta' minoranza, speċjalment fejn tali oneru tal-provi jikser id-dinjità tal-persuna. Jenħtieġ li jiġi garantit id-dritt tal-applikanti għal rimedju effettiv f'każ**

ta' deċiżjoni negattiva.

Or. en

Emenda 141
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi u l-ġurnalisti.	(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti***, meta jingħataw opportunità effettiva u aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex jagħmlu dan,*** ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi u l-ġurnalisti. ***Meta pajjiż terz ma jkunx jista' jitqies bħala sikur għal diversi kategoriji ta' nies, dan jipprekludi d-deżinjazzjoni ta' dak il-pajjiż bħala sikur.***

Or. en

Emenda 142
Cecilia Strada, Murielle Laurent, Matjaž Nemec, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Francisco Assis, Marco Tarquinio

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, ***bħall-persuni*** LGBTIQ, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, ***id-difensuri*** tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi u ***l-ġurnalisti***.	(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, ***bħall-minuri, il-persuni*** LGBTIQ***, il-persuni b'diżabbiltà***, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, ***il-mexxejja soċjali u d-difensuri*** tad-drittijiet tal-bniedem, ***il-mexxejja ambjentali u tar-restituzzjoni tal-art,*** il-minoranzi reliġjużi u ***etniċi, il-ġurnalisti, l-attivisti politiċi, u l-persuni apolidi***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-lista ta' applikanti li jeħtieġu attenzjoni speċjali għandha tirrifletti wkoll kategoriji ta' persuni identifikati mill-Aġenzija għall-Ażil fl-informazzjoni li pprovdiet bħala li jinsabu f'riskju. Din il-lista trid tinkludi wkoll eċċezzjonijiet għad-deżinjazzjoni ta' pajjiż ta' oriġini sikur kif identifikat fl-anness.

Emenda 143
Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Fabrice Leggeri, Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Anna Maria Cisint, Pascale Piera, Petra Steger, Jorge Buxadé Villalba, Alexandre Varaut

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi	(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi

bħala pajjiżi ta’ oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta’ pajjiż ta’ oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta’ pajjiż ta’ oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta’ valutazzjoni individwali. F’dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f’sitwazzjoni speċifika ***f’dawk il-pajjiżi, bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi ta’ vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi u l-ġurnalisti***.

bħala pajjiżi ta’ oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta’ pajjiż ta’ oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta’ pajjiż ta’ oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta’ valutazzjoni individwali. F’dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f’sitwazzjoni speċifika.

Or. en

Emenda 144
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Alessandro Zan, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-indikazzjoni ta’ dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta’ oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta’ pajjiż ta’ oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta’ pajjiż ta’ oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta’ valutazzjoni individwali. F’dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f’sitwazzjoni speċifika f’dawk il-pajjiżi, bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi ta’ vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi u l-ġurnalisti.	(17) L-indikazzjoni ta’ dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta’ oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta’ pajjiż ta’ oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta’ pajjiż ta’ oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta’ valutazzjoni individwali. F’dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f’sitwazzjoni speċifika f’dawk il-pajjiżi, bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi ta’ vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi ***u etniċi, l-attivisti politiċi, il-***

persuni apolidi u l-ġurnalisti.

Or. en

Emenda 145
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi u l-ġurnalisti.	(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li ***jissottomettu evidenza valida li huma*** jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi u l-ġurnalisti.

Or. fi

Emenda 146
Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-	(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-

regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjuži u l-ġurnalisti.	regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjuži***, il-persuni apolidi,*** u l-ġurnalisti.
	Or. en

Emenda 147
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, ***bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru,*** id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem***, il-minoranzi*** reliġjuži ***u l-ġurnalisti***.	(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, ***bħan-nisa li jiffaċċjaw vjolenza,*** id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ***u l-minoranzi*** reliġjuži.
	Or. sk

Emenda 148
Milan Uhrík

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, ***bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi*** ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi u l-ġurnalisti.	(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, ***bħall-vittmi*** ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi u l-ġurnalisti.

Or. en

Emenda 149
Reinhold Lopatka, Lukas Mandl, Angelika Winzig, Sophia Kircher, Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Trid tiġi enfasizzata l-importanza tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil bħala l-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-asil filwaqt li jinżamm il-prinċipju tas-solidarjetà u l-qsim ġust tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri għall-kontroll tal-fruntiera esterna u l-għoti ta'

protezzjoni umana lil dawk li ġenwinament jeħtiġuha. Għalhekk, l-applikazzjoni rapida tal-partijiet tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil li diġà jistgħu jiġu applikati hija tal-akbar importanza.

Or. en

Emenda 150
Reinhold Lopatka, Lukas Mandl, Angelika Winzig, Sophia Kircher, Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 17b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17b) Irid jiġi enfasizzat li l-iskop tal-Proċedura fuq il-Fruntiera huwa li teħles lis-sistema mill-piż tal-ipproċessar, permezz ta' proċeduri tal-ażil, ta' każijiet li fil-fatt huma dawk ta' migranti ekonomiċi. L-għan huwa li toffri protezzjoni aħjar u aktar rapida lil dawk li huma intitolati għal protezzjoni internazzjonali, billi jiġu identifikati kmieni fis-sistema.

Or. en

Emenda 151
Cecilia Strada, Murielle Laurent, Matjaž Nemec, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Francisco Assis, Marco Tarquinio

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta wieħed iqis li s-sitwazzjoni migratorja tista' tinbidel malajr u li hemm pressjoni akbar li tirriżulta mill-wasliet ta' flussi mħallta bi proporzjon għoli ta' dawk b'opportunitajiet baxxi li jirċievu	***imħassar***

protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-raġuni għall-aċċellerazzjoni tal-eżami tal-applikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 41(1)(j) tar-Regolament (UE) 2024/1348, minn data aktar kmieni mid-data ġenerali tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Dan jippermetti lill-Istati Membri jirreaġixxu malajr u b'mod flessibbli għall-bidliet fil-flussi migratorji. Meta jitqies li l-applikazzjonijiet minn tali applikanti x'aktarx li jkunu bla bażi, l-indirizzar tagħhom malajr fi proċedura aċċellerata jew fuq il-fruntiera jippermetti lill-awtoritajiet tal-ażil u tal-migrazzjoni jivvalutaw b'mod aktar effiċjenti t-talbiet ġenwini, jieħdu deċiżjonijiet aktar rapidi u b'hekk jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar u aktar kredibbli tal-politiki dwar l-ażil u r-ritorn, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma ngħatat l-ebda ġustifikazzjoni dwar għaliex dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Patt dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni għandhom jiġu applikati aktar kmieni minn dispożizzjonijiet oħra tal-Patt, bħal dawk dwar l-għoti ta' għajnuna legali fl-APR, dawk dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' solidarjetà fl-AMMR, jew dawk dwar l-aċċess għas-suq tax-xogħol fl-RCD. Fi kwalunkwe każ, huwa improbabbli ħafna li l-proċess leġiżlattiv jitlesta fil-ħin biex jippermetti l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet qabel Ġunju 2026.

Emenda 152
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta wieħed iqis li s-sitwazzjoni migratorja tista' tinbidel malajr u li hemm pressjoni akbar li tirriżulta mill-wasliet ta' flussi mħallta bi proporzjon għoli ta' dawk b'opportunitajiet baxxi li jirċievu protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li l-	***imħassar***

Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-raġuni għall-aċċellerazzjoni tal-eżami tal-applikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 41(1)(j) tar-Regolament (UE) 2024/1348, minn data aktar kmieni mid-data ġenerali tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Dan jippermetti lill-Istati Membri jirreaġixxu malajr u b'mod flessibbli għall-bidliet fil-flussi migratorji. Meta jitqies li l-applikazzjonijiet minn tali applikanti x'aktarx li jkunu bla bażi, l-indirizzar tagħhom malajr fi proċedura aċċellerata jew fuq il-fruntiera jippermetti lill-awtoritajiet tal-asil u tal-migrazzjoni jivvalutaw b'mod aktar effiċjenti t-talbiet ġenwini, jieħdu deċiżjonijiet aktar rapidi u b'hekk jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar u aktar kredibbli tal-politiki dwar l-asil u r-ritorn, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 153
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta wieħed iqis li s-sitwazzjoni migratorja tista' tinbidel malajr u li hemm pressjoni akbar li tirriżulta mill-wasliet ta' flussi mħallta bi proporzjon għoli ta' dawk b'opportunitajiet baxxi li jirċievu protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-raġuni għall-aċċellerazzjoni tal-eżami tal-applikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 41(1)(j) tar-Regolament (UE) 2024/1348, minn data aktar kmieni mid-data ġenerali tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Dan jippermetti lill-Istati Membri jirreaġixxu malajr u b'mod flessibbli għall-bidliet fil-flussi migratorji. Meta jitqies li l-applikazzjonijiet minn tali	***imħassar***

applikanti x'aktarx li jkunu bla bażi, l-indirizzar tagħhom malajr fi proċedura aċċellerata jew fuq il-fruntiera jippermetti lill-awtoritajiet tal-ażil u tal-migrazzjoni jivvalutaw b'mod aktar effiċjenti t-talbiet ġenwini, jieħdu deċiżjonijiet aktar rapidi u b'hekk jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar u aktar kredibbli tal-politiki dwar l-ażil u r-ritorn, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 154
Reinhold Lopatka, Lukas Mandl, Angelika Winzig, Sophia Kircher, Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta wieħed iqis li s-sitwazzjoni migratorja tista' tinbidel malajr u li hemm pressjoni akbar li tirriżulta mill-wasliet ta' flussi mħallta bi proporzjon għoli ta' dawk b'opportunitajiet baxxi li jirċievu protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-raġuni għall-aċċellerazzjoni tal-eżami tal-applikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 41(1)(j) tar-Regolament (UE) 2024/1348, minn data aktar kmieni mid-data ġenerali tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Dan jippermetti lill-Istati Membri jirreaġixxu malajr u b'mod flessibbli għall-bidliet fil-flussi migratorji. Meta jitqies li l-applikazzjonijiet minn tali applikanti x'aktarx li jkunu bla bażi, l-indirizzar tagħhom malajr fi proċedura aċċellerata jew fuq il-fruntiera jippermetti lill-awtoritajiet tal-ażil u tal-migrazzjoni jivvalutaw b'mod aktar effiċjenti t-talbiet ġenwini, jieħdu deċiżjonijiet aktar rapidi u b'hekk jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar u aktar kredibbli tal-politiki dwar l-ażil u r-ritorn, b'rispett sħiħ tad-drittijiet	(18) Meta wieħed iqis li s-sitwazzjoni migratorja tista' tinbidel malajr u li hemm pressjoni akbar li tirriżulta mill-wasliet ta' flussi mħallta bi proporzjon għoli ta' dawk b'opportunitajiet baxxi li jirċievu protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-raġuni għall-aċċellerazzjoni tal-eżami tal-applikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 41(1)(j) tar-Regolament (UE) 2024/1348, minn data aktar kmieni mid-data ġenerali tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Dan jippermetti lill-Istati Membri jirreaġixxu malajr u b'mod flessibbli għall-bidliet fil-flussi migratorji. Meta jitqies li l-applikazzjonijiet minn tali applikanti x'aktarx li jkunu bla bażi, l-indirizzar tagħhom malajr fi proċedura aċċellerata jew fuq il-fruntiera jippermetti lill-awtoritajiet tal-ażil u tal-migrazzjoni jivvalutaw b'mod aktar effiċjenti t-talbiet ġenwini, jieħdu deċiżjonijiet aktar rapidi u b'hekk jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar u aktar kredibbli tal-politiki dwar l-ażil u r-ritorn, b'rispett sħiħ tad-drittijiet

fundamentali.	fundamentali***, u b'hekk jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem tal-individwi li jissodisfaw il-kriterji biex ifittxuażil***.

Or. en

Emenda 155
Jadwiga Wiśniewska, Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Maciej Wąsik

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta wieħed iqis li s-sitwazzjoni migratorja tista' tinbidel malajr u li hemm pressjoni akbar li tirriżulta mill-wasliet ta' flussi mħallta bi proporzjon għoli ta' dawk b'opportunitajiet baxxi li jirċievu protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-raġuni għall-aċċellerazzjoni tal-eżami tal-applikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu ***41(1)(j)*** tar-Regolament (UE) 2024/1348, minn data aktar kmieni mid-data ġenerali tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Dan jippermetti lill-Istati Membri jirreaġixxu malajr u b'mod flessibbli għall-bidliet fil-flussi migratorji. Meta jitqies li l-applikazzjonijiet minn tali applikanti x'aktarx li jkunu bla bażi, l-indirizzar tagħhom malajr fi proċedura aċċellerata jew fuq il-fruntiera jippermetti lill-awtoritajiet tal-ażil u tal-migrazzjoni jivvalutaw b'mod aktar effiċjenti t-talbiet ġenwini, jieħdu deċiżjonijiet aktar rapidi u b'hekk jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar u aktar kredibbli tal-politiki dwar l-ażil u r-ritorn, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali.	(18) Meta wieħed iqis li s-sitwazzjoni migratorja tista' tinbidel malajr u li hemm pressjoni akbar li tirriżulta mill-wasliet ta' flussi mħallta bi proporzjon għoli ta' dawk b'opportunitajiet baxxi li jirċievu protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-raġuni għall-aċċellerazzjoni tal-eżami tal-applikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu ***42(1)(j)*** tar-Regolament (UE) 2024/1348, minn data aktar kmieni mid-data ġenerali tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Dan jippermetti lill-Istati Membri jirreaġixxu malajr u b'mod flessibbli għall-bidliet fil-flussi migratorji. Meta jitqies li l-applikazzjonijiet minn tali applikanti x'aktarx li jkunu bla bażi, l-indirizzar tagħhom malajr fi proċedura aċċellerata jew fuq il-fruntiera jippermetti lill-awtoritajiet tal-ażil u tal-migrazzjoni jivvalutaw b'mod aktar effiċjenti t-talbiet ġenwini, jieħdu deċiżjonijiet aktar rapidi u b'hekk jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar u aktar kredibbli tal-politiki dwar l-ażil u r-ritorn, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali.

Or. pl

Emenda 156
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Barra minn hekk, sabiex jitqiesu sitwazzjonijiet kumplessi u attwali f'pajjiżi terzi, l-Istati Membri, meta japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-dežinjazzjoni nazzjonali ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur jew bħala pajjiż terz sikur, jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħmlu dan b'eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi tat-territorju tagħhom jew kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar, qabel ma jibda japplika r-Regolament 2024/1348.	***imħassar***

Or. en

Emenda 157
Cecilia Strada, Murielle Laurent, Matjaž Nemec, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Francisco Assis, Marco Tarquinio

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Barra minn hekk, sabiex jitqiesu sitwazzjonijiet kumplessi u attwali f'pajjiżi terzi, l-Istati Membri, meta japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-dežinjazzjoni nazzjonali ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur jew bħala pajjiż terz sikur, jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħmlu dan b'eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi tat-territorju tagħhom jew kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar, qabel ma jibda japplika r-Regolament 2024/1348.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma ngħatat l-ebda ġustifikazzjoni dwar għaliex dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Patt dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni għandhom jiġu applikati aktar kmieni minn dispożizzjonijiet oħra tal-Patt, bħal dawk dwar l-għoti ta' għajnuna legali fl-APR, dawk dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' solidarjetà fl-AMMR, jew dawk dwar l-aċċess għas-suq tax-xogħol fl-RCD. Fi kwalunkwe każ, huwa improbabbli ħafna li l-proċess leġiżlattiv jitlesta fil-ħin biex jippermetti l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet qabel Ġunju 2026.

Emenda 158
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Barra minn hekk, sabiex jitqiesu sitwazzjonijiet kumplessi u attwali f'pajjiżi terzi, l-Istati Membri, meta japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-dežinjazzjoni nazzjonali ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur jew bħala pajjiż terz sikur, jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħmlu dan b'eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi tat-territorju tagħhom jew kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar, qabel ma jibda japplika r-Regolament 2024/1348.	***imħassar***

Or. en

Emenda 159
Reinhold Lopatka, Lukas Mandl, Angelika Winzig, Sophia Kircher, Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) ***Barra minn hekk,*** sabiex jitqiesu sitwazzjonijiet kumplessi u ***attwali*** f'pajjiżi terzi, l-Istati Membri***, meta*** japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-dežinjazzjoni nazzjonali ta' pajjiż terz	(19) Sabiex jitqiesu sitwazzjonijiet kumplessi u ***li qed jevolvu*** f'pajjiżi terzi, l-Istati Membri ***jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li*** japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-dežinjazzjoni

bħala pajjiż ta' oriġini sikur jew bħala pajjiż terz sikur, ***jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħmlu dan*** b'eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi tat-territorju tagħhom jew kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar, qabel ma jibda japplika r-Regolament 2024/1348.	nazzjonali ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur jew bħala pajjiż terz sikur, ***inkluż*** b'eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi tat-territorju tagħhom jew ***għal*** kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar, qabel ma jibda japplika r-Regolament ***(UE)*** 2024/1348***, b'mod raġonevoli sabiex ma jmurx kontra l-objettiv ta' dan ir-regolament***. ***Din il-flessibbiltà tiżgura li l-Istati Membri jkunu jistgħu jirreaġixxu malajr għal riskji differenzjati filwaqt li jżommu konsistenza ġenerali mal-qafas tal-Unjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri jeħtieġu l-flessibbiltà li jaġġustaw id-dežinjazzjonijiet nazzjonali tagħhom ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri skont ir-realtajiet li qed jevolvu fuq il-post. Il-possibbiltà li jintroduċu jew japplikaw tali dežinjazzjonijiet qabel id-data ġenerali tal-applikazzjoni, u li jiddifferenzjaw skont ir-reġjuni jew il-kategoriji ta' persuni meta jkun xieraq, tiżgura li s-sistema tibqa' kemm kredibbli kif ukoll adattabbli. Din l-għażla tipprevjeni dewmien u ssaħħaħ l-effettività tal-ġestjoni tal-ażil, filwaqt li tissalvagwardja l-konsistenza mal-lista tal-Unjoni.

Emenda 160
Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Barra minn hekk, sabiex jitqiesu sitwazzjonijiet kumplessi u attwali f'pajjiżi terzi, l-Istati Membri, meta japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-dežinjazzjoni nazzjonali ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur jew bħala pajjiż terz sikur, jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħmlu dan b'eċċezzjonijiet għal ***partijiet speċifiċi tat-territorju tagħhom jew*** kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar, qabel ma jibda japplika r-Regolament 2024/1348.	(19) Barra minn hekk, sabiex jitqiesu sitwazzjonijiet kumplessi u attwali f'pajjiżi terzi, l-Istati Membri, meta japplikaw jew jintroduċu leġiżlazzjoni li tippermetti d-dežinjazzjoni nazzjonali ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur jew bħala pajjiż terz sikur, jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħmlu dan b'eċċezzjonijiet għal kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar***, bħall-persuni LGBTIQ, l-attivisti politiċi, il-ġurnalisti, il-minoranzi reliġjużi jew etniċi, il-persuni apolidi jew in-nisa***, qabel ma jibda japplika r-Regolament

Or. en

Emenda 161
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Alessandro Zan, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Barra minn hekk, sabiex jitqiesu sitwazzjonijiet kumplessi u attwali f'pajjiżi terzi, ***l-Istati Membri***, meta ***japplikaw*** jew ***jintroduċu*** leġiżlazzjoni li tippermetti d-dežinjazzjoni ***nazzjonali*** ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur jew bħala pajjiż terz sikur, jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħmlu dan b'eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi tat-territorju tagħhom jew kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar***, qabel ma jibda japplika r-Regolament 2024/1348***.	(19) Barra minn hekk, sabiex jitqiesu sitwazzjonijiet kumplessi u attwali f'pajjiżi terzi, ***l-UE***, meta ***tapplika*** jew ***tintroduċi*** leġiżlazzjoni li tippermetti d-dežinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur jew bħala pajjiż terz sikur, jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħmlu dan b'eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi tat-territorju tagħhom jew kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar***. Dawn l-eċċezzjonijiet jenħtieġ li jiġu speċifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 162
Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Fabrice Leggeri, Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Anna Maria Cisint, Pascale Piera, Petra Steger, Jorge Buxadé Villalba, Alexandre Varaut

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni u l-avvanz tal-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament 2024/1348, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni, l-	***imħassar***

Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

Or. en

Emenda 163
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni u l-avvanz tal-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament 2024/1348, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.	***imħassar***

Or. en

Emenda 164
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni ***u l-avvanz tal-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament 2024/1348,*** ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.	(20) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

Or. en

Emenda 165
Cecilia Strada, Murielle Laurent, Matjaž Nemec, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Francisco Assis, Marco Tarquinio

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni ***u l-avvanz tal-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament 2024/1348***, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.	(20) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Imressqa għal finijiet ta' konsistenza.

Emenda 166
Reinhold Lopatka, Lukas Mandl, Angelika Winzig, Sophia Kircher, Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni u l-avvanz tal-applikazzjoni ta' ***ċerti*** dispożizzjonijiet ***tar-Regolament 2024/1348***, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.	(20) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni u l-avvanz tal-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet ***relatati biex jiġi żgurat l-effett prattiku immedjat***, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-funzjonament tal-lista tal-Unjoni jirrikjedi mhux biss konsistenza iżda wkoll implimentazzjoni f'waqtha. Jekk ir-rwol tal-Unjoni jiddgħajjef, ikun hemm ir-riskju ta' frammentazzjoni u tiġi mminata l-kredibbiltà tal-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur. L-enfasi fuq il-kompetenza tal-Unjoni u l-ħtieġa ta' effett prattiku immedjat tiżgura li r-Regolament jagħti riżultati tanġibbli u jsaħħaħ l-effiċjenza tal-politiki dwar l-ażil u r-ritorn fl-Istati Membri kollha.

Emenda 167
Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Fabrice Leggeri, Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Jaroslav Bžoch, Anna Maria Cisint,

Pascale Piera, Petra Steger, Jorge Buxadé Villalba, Alexandre Varaut

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tespandi l-lista kontinwament. Skont l-Aġenzija tal-UE għall-Asil (EUAA), mill-2024, 37 pajjiż terz kellhom rati ta' rikonoxximent tal-asil ta' 20 % jew inqas madwar l-UE.

Or. en

Emenda 168
Reinhold Lopatka, Lukas Mandl, Angelika Winzig, Sophia Kircher, Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.	(23) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE***, filwaqt li jiżgura implimentazzjoni bbilanċjata li tirrispetta wkoll l-objettiv tal-Unjoni li żżomm proċeduri kredibbli tal-asil, ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni u l-protezzjoni tal-fruntieri esterni***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur huwa mfassal biex jirrispetta d-drittijiet fundamentali filwaqt li fl-istess ħin jiżgura li l-proċeduri tal-asil jibqgħu kredibbli u effiċjenti. Huwa essenzjali approċċ ibbilanċjat: is-salvagwardja tad-drittijiet individwali trid timxi id f'id mar-responsabbiltà tal-Unjoni li timmaniġġja l-migrazzjoni b'mod effettiv u li tipproteġi l-fruntieri esterni tagħha. Jekk tiġi enfasizzata żżejjed naħa waħda biss ta' dan il-bilanċ, dan jista' jdgħajjef kemm il-kredibbiltà kif ukoll is-sostenibbiltà tas-sistema tal-asil tal-UE.

Emenda 169
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Dan ir-Regolament ***jirrispetta d-drittijiet*** fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.	(23) Dan ir-Regolament ***irid jiġi applikat b'rispett sħiħ tad-drittijiet*** fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ***u l-liġi internazzjonali rilevanti***.

Or. en

Emenda 170
Cecilia Strada, Murielle Laurent, Matjaž Nemec, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Francisco Assis, Marco Tarquinio

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Dan ir-Regolament ***jirrispetta*** d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.	(23) Dan ir-Regolament ***jenħtieġ li jiġi applikat b'rispett sħiħ tal-liġi internazzjonali u*** d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Or. en

Emenda 171
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Dan ir-Regolament ***jirrispetta d-***	(23) Dan ir-Regolament ***jenħtieġ li jiġi***

drittijiet fundamentali ***u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta*** tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.	***applikat b'rispett sħiħ tad-drittijiet*** fundamentali ***minquxa fil-Karta*** tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ***u l-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati***.

Or. en

Emenda 172
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Alessandro Zan, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Dan ir-Regolament ***jirrispetta d-drittijiet*** fundamentali ***u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta*** tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.	(23) Dan ir-Regolament ***irid jiġi applikat b'rispett sħiħ tad-drittijiet*** fundamentali ***minquxa fil-Karta*** tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Or. en

Emenda 173
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/1348 jiġi emendat skont dan.	***imħassar***

Or. en

Emenda 174
Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1348

Artikolu 61 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) L-Artikolu 61 huwa emendat kif ġej:
	(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	(5a) Fil-valutazzjoni ta' jekk pajjiż terz jissodisfax il-kundizzjonijiet biex jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jqisu jekk dak il-pajjiż huwiex inkluż f'lista tal-Unjoni jew nazzjonali ta' pajjiżi terzi sikuri kif imsemmi fl-Artikolu 59 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 175
Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 61 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) l-Artikolu 61, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. Id-dežinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali tista' ssir b'eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi tat-territorju tiegħu jew kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar.	"2. Id-dežinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali tista' ssir b'eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi tat-territorju tiegħu jew kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar. ***Għandha titwettaq valutazzjoni individwali għal kull applikant minn pajjiż ta' oriġini sikur."***

Or. en

Emenda 176
Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 61 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1a) L-Artikolu 61, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Il-valutazzjoni ta' jekk pajjiż terz huwiex pajjiż ta' oriġini sikur f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkun ibbażata fuq firxa ta' sorsi rilevanti u disponibbli ta' informazzjoni, inkluż informazzjoni minn Stati Membri, l-Aġenzija għall-Ażil, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati, u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra rilevanti, u għandu jikkunsidra, fejn disponibbli, l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 2021/2303 .	"3. Il-valutazzjoni ta' jekk pajjiż terz huwiex pajjiż ta' oriġini sikur f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkun ibbażata fuq firxa ta' sorsi rilevanti u disponibbli ta' informazzjoni, inkluż informazzjoni minn Stati Membri, l-Aġenzija għall-Ażil, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati, u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra rilevanti, ***li jivvalutaw is-sitwazzjoni ta' dawk il-persuni fil-pajjiż, li għalihom japplika dan ir-regolament, inklużi l-persuni apolidi,*** u għandu jikkunsidra, fejn disponibbli, l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 2021/2303. ***Dik il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq sorsi affidabbli, verifikabbli u aġġornati, u għandha titwettaq b'mod trasparenti. Id-deżinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur ma għandhiex issir qabel ma titlesta tali valutazzjoni.***"

Or. en

Emenda 177
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(1) L-Artikolu 62, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:		***imħassar***
(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:		
'1. Il-pajjiżi li ngħataw l-istatus ta' stati kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni huma ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, sakemm ma tapplikax waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:		
(a) ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż;		
(b) jiġu adottati miżuri restrittivi skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-azzjonijiet tal-pajjiż;		
(c) il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali lill-applikanti mill-pajjiż - jew iċ-ċittadini tiegħu jew residenti abitwali preċedenti f'każ ta' persuni apolidi - ikun ogħla minn 20 % skont l-aħħar data medja annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha.;"		
"1a. Il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II għandhom jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni;"		

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istabbiliment ta' lista tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri jimmina d-dritt għal valutazzjoni individwali tat-talbiet għall-ażil, jittrasferixxi l-oneru tal-provi b'mod inġust fuq l-applikanti, u jdgħajjef is-salvagwardji proċedurali. Id-deżinjazzjoni awtomatika ta' pajjiżi kandidati u l-inklużjoni ta' stati b'abbużi tad-drittijiet tal-bniedem dokumentati sew tirrifletti konvenjenza politika aktar milli ħtiġijiet oġġettivi ta' protezzjoni.

Emenda 178
Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Artikolu 62***, il-paragrafu 1*** huwa emendat kif ġej:	(1) L-Artikolu 62 huwa emendat kif ġej:

Or. en

Emenda 179
Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Ir-Regolament 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"1. Il-pajjiżi li ngħataw l-istatus ta' stati kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni huma ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, sakemm ma tapplikax waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:	
(a) ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż;	
(b) jiġu adottati miżuri restrittivi skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-azzjonijiet tal-pajjiż;	
(c) il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali lill-applikanti mill-pajjiż - jew iċ-ċittadini tiegħu jew residenti abitwali preċedenti f'każ ta' persuni apolidi - ikun ogħla minn 20 % skont l-aħħar data medja annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha.;"	

Or. en

Emenda 180
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"1. Il-pajjiżi li ngħataw l-istatus ta' stati kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni huma ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, sakemm ma tapplikax waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:	
(a) ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż;	
(b) jiġu adottati miżuri restrittivi skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-azzjonijiet tal-pajjiż;	
(c) il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali lill-applikanti mill-pajjiż - jew iċ-ċittadini tiegħu jew residenti abitwali preċedenti f'każ ta' persuni apolidi - ikun ogħla minn 20 % skont l-aħħar data medja annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha.;"	

Or. en

Emenda 181
Cecilia Strada, Murielle Laurent, Matjaž Nemec, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Ana Catarina Mendes, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Francisco Assis, Marco Tarquinio

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"1. Il-pajjiżi li ngħataw l-istatus ta' stati kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni huma ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, sakemm ma tapplikax waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:	
(a) ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż;	
(b) jiġu adottati miżuri restrittivi skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-azzjonijiet tal-pajjiż;	
(c) il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali lill-applikanti mill-pajjiż - jew iċ-ċittadini tiegħu jew residenti abitwali preċedenti f'każ ta' persuni apolidi - ikun ogħla minn 20 % skont l-aħħar data medja annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha.;"	

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 61(1) tal-APR jagħmilha ċara li pajjiż terz jista' jiġi ddeżinjat biss bħala SCO meta, abbażi tas-sitwazzjoni legali, tal-applikazzjoni tal-liġi f'sistema demokratika u taċ-ċirkostanzi politiċi ġenerali, jista' jintwera li ma hemm l-ebda persekuzzjoni kif definit fl-Artikolu 9 tal-QR u l-ebda riskju reali ta' dannu serju kif definit fl-Artikolu 17 tal-QR. Il-paragrafu l-ġdid tal-Kummissjoni fl-Artikolu 62(1) ifittex li jevita dawn ir-rekwiżiti.

Emenda 182
Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Fabrice Leggeri, Marieke Ehlers, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Anna Maria Cisint, Pascale Piera, Petra Steger, Jorge Buxadé Villalba, Alexandre Varaut

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun hemm theddida serja ***u individwali*** għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż;	(a) ikun hemm theddida serja għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż***, sakemm it-theddida ma tkunx limitata għal żona ġeografika speċifika u jkun hemm disponibbli protezzjoni effettiva f'parti oħra ta' dak il-pajjiż***;

Or. en

Emenda 183
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż;	(a) ikun hemm theddida ***immedjata,*** serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż;

Or. fi

Emenda 184
Reinhold Lopatka, Lukas Mandl, Angelika Winzig, Sophia Kircher, Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż;	(a) ikun hemm theddida serja***,*** ***kredibbli*** u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż;

Or. en

Emenda 185
Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Għall-finijiet tal-punt (a), l-attivazzjoni ta' protezzjoni temporanja skont id-Direttiva 2001/55/KE fir-rigward ta' dak il-pajjiż għandha titqies suffiċjenti biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' tali theddida.

Or. en

Emenda 186
Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Għall-finijiet tal-punt (b), il-Kummissjoni għandha tiġbor u żżomm reġistru konsolidat tal-miżuri restrittivi kollha adottati fir-rigward ta' pajjiżi terzi u għandha tagħmlu disponibbli għall-

Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kull meta tiġi adottata, emendata, sospiża jew imħassra miżura restrittiva ġdida fir-rigward ta' pajjiżi bħal dawn.

Or. en

Emenda 187
Jaroslav Bžoch

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali lill-applikanti mill-pajjiż - jew iċ-ċittadini tiegħu jew residenti abitwali preċedenti f'każ ta' persuni apolidi - ikun ogħla minn 20 % skont l-aħħar data medja annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha.;	(c) il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali lill-applikanti mill-pajjiż - jew iċ-ċittadini tiegħu jew residenti abitwali preċedenti f'każ ta' persuni apolidi - ikun ogħla minn 20 % ***tan-numru totali ta' deċiżjonijiet għal dak il-pajjiż terz maħruġa mill-awtorità determinanti,*** skont l-aħħar data medja annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha.;

Or. en

Emenda 188
Reinhold Lopatka, Lukas Mandl, Angelika Winzig, Sophia Kircher, Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali lill-applikanti mill-pajjiż -	(c) il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali lill-applikanti mill-pajjiż -

jew iċ-ċittadini tiegħu jew residenti abitwali preċedenti f'każ ta' persuni apolidi - ikun ogħla minn 20 % skont l-aħħar data medja annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha.*;*	jew iċ-ċittadini tiegħu jew residenti abitwali preċedenti f'każ ta' persuni apolidi - ikun ogħla minn 20 % skont l-aħħar data medja annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha***, jew sorsi kredibbli oħra***.

Or. en

Emenda 189
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
